*Rivista Biblika li toħroġ kull xahrejn mill-Kummissarjat ta' L-Art Imqaddsa tal-Provinċja Franġiskana Maltija*

*Imwaqqfa fl-1955*

*Computer Setting: Ġwann Abela ofm*

*Serje Ġdida*
*Vol 23 Nru 130*
*Lulju - Awissu 2002*

*Editorjal* ..................289
*Kriżi* ........................290
*L-Evanġelju skond San Luqa* ..........291
*Kristu fl-Evanġelju ta' San Mattew*....297
*Min hi l-bhima ta' l-Apokalissi?*....300
*Il-Maroniti u l-Franġiskani*....305
*Liturġija tal-Kelma*...309
*Il-figura ta' Melikisedek* .........317
*L-Art Imqaddsa għalina l-Insara*...320

*Editorjal ta' Twanny Chircop ofm*

# Tifkiriet

## Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi jekk ninsa lilek Ġerusalemm

Wara xi żmien ta' esperjenza ġewwa Ġerusalem, dawn il-kelmiet tas-salmista nista' nagħmilhom tiegħi. Dan kien għalija żmien ta' formazzjoni kemm intellettwali imma fuq kollox spiritwali. Fil-kunvent ta' San Salvatur fi fraternità numeruża ta' 95 patri stajt nagħmel verament esperjenza ta' ħajja fraterna kif ukoll ta' ħajja ta' talb, u bla tlaqlieq nista' ngħid li ġġeddidt fil-vokazzjoni franġiskana tiegħi. Il-grazzja li tgħix għal xi żmien Ġerusalem qrib is-santwarji hija kbira, u ġġagħlek tħoss il-preżenza ta' Kristu ħafna qrib tiegħek, tant li m'għandix kliem biex nispjega din il-grazzja hekk kbira. L-aktar żmien qawwi kien żmien il-Milied u żmien il-Għid: il-liturġija f'dan iż-żmien hija mgħixa b'mod mill-isbaħ, u f'xi mumenti ġieli waqaft naħseb u ngħid: "Imma jien veru ninsab f'dan il-post qaddis?"

Is-sitwazzjoni mad-dawra tagħna kienet waħda diffiċli, żmien ta' tensjoni politika, bħalma jaf kulħadd. Iżda l-aktar żmien diffiċli għalina lkoll bħala patrijiet franġiskani, u nissogra ngħid għal kull nisrani, kien waqt l-assedju tal-bażilka ta' Betlehem. Però qatt ma ntilef l-ispirtu ta' ferħ intern, ferħ li jagħtihulek biss il-Mulej, li minkejja s-sitwazzjoni esterna konna ħafna magħqudin bejnietna u mal-Knisja, u li kontinwament konna nħossu l-appoġġ tagħha b'mod partikulari tal-Qdusija Tiegħu l-Papa nnifsu li kien jikkomunika magħna permezz tat-telefon. Kien ġest li l-patrijiet magħluqa għal 36 jum ġewwa l-bażilka ta' Betlehem tant apprezzaw. Din it-tbatija għaqqdet ħafna il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa u ħadd minna li konna hemm ma kien jaħseb li jmur lura lejn pajjiżu minħabba s-sitwazzjoni politika u militari, anzi kien iweġġagħni xi ħadd li kien iċempilli u jgħidli: "Għax ma tiġix lura". Li tkun hemm u bil-preżenza tiegħek tkun qed tiddefendi dawk il-postijiet tħossok kburi. U grazzi għall-perseveranza tal-patrijiet ġewwa l-bażilka ta' Betlehem ġew evitati ħafna mwiet, - dawn kienu l-kelmiet tan-nies ta' Betlehem, kemm insara kif ukoll musulmani, huma u jgħannqu lill-patrijiet wara li ġew meħlusa.

Kont għadni Ġerusalem qed nagħmel l-aħħar eżamijiet biex inkun nista' nikkonkludi l-istudju għad-diploma fit-tejoloġija biblika, meta ġejt nominat Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, xogħol li wara l-esperjenza li għamilt hemm dħalt għalih b'ħafna mħabba. Xi wħud, u anke jien staqsejt lili nnifsi x'inhu r-rwol tiegħi bħala Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa f'Malta? Il-Kummissarju huwa l-ewwel u qabel kollox il-pont bejn Malta u l-Art Imqaddsa, jieħu ħsieb jiġbor fondi għall-bżonnijiet konkreti ta' l-insara, imma fuq



kollox huwa fid-dmir li jxerred id-devozzjoni u l-imħabba lejn l-art tal-Mulej biex iwassal għal għarfien u għaqda aktar intima ma' l-istess persuna tal-Mulej Ġesù Kristu.

Dan, il-Kummissarjat qiegħed jagħmlu permezz ta' formazzjoni biblika li qed jipprovdi permezz tal-korsijiet, il-publikazzjoni tar-rivista, kif ukoll permezz tal-pellegrinaġġi. Dan aħna beħsiena li nkompluh u nsaħħuh. Infatti wara li kellna waqfa mill-pellegrinaġġi dejjem minħabba s-sitwazzjoni politika ser nerġgħu nibdew bil-pellegrinaġġi u ser nagħmlu l-ewwel wieħed f'Ottubru li ġej, bħala pellegrinaġġ ta' solidarjetà. Żgur li dan ikun apprezzat ħafna kemm mill-patrijiet tal-Kustodja kif ukoll mill-insara tal-post li qed isoffru ħafna minħabba n-nuqqas ta' turiżmu.

Jiena nemmen ħafna fl-imħabba li għandu l-poplu Malti lejn din il-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa u magħqudin flimkien inkun nistgħu inkomplu ngħinu lil din il-missjoni li għandha tkun għal qalb ta' kull nisrani.

Ħajr imur għal Patri Marcello Ghirlando, li kien hu li nissel fija imħabba lejn l-Art ta' Ġesù u li għal dawn l-aħħar 9 snin ħadem bis-sħiħ biex ġedded u ta viżjoni ġdida lill-Kummissarjat f'Malta. Minn qalbi u f'isimkom qarrejja tagħna ngħidlu: "Grazzi ta' kollox" u "Awguri!"

*Ħsieb ta' Ġwann Abela ofm*

## Kriżi

Forsi kienu ftit dawk li fil-bidu tas-sena tal-Ġublew tas-sena 2000 setgħu ħasbu li fi ftit xhur l-qagħda u l-ħajja fl-Art Imqaddsa se tinbidel b`ħal mill-lejl għan-nhar. Min kien jimmaġina li fis-santwarji nsara jista' jasal iż-żmien li ma jkunx hemm kjuwijiet biex jidħlu fil-Qabar ta' Kristu jew fil-Għar ta' Betleħem? Min qatt ghaddielu minn moħħu li se jkun hemm żmien meta l-patrijiet iridu jqaddsu l-quddies kollu għaliex ma hemmx gruppi ta' pellegrini? Min seta' jimmaġina li t-toroq se jkunu battala minn pellegrini jiġġebbdu mall-bejjiegħa dwar prezzijiet? Forsi lanqas nimmaġinaw il-kriżi fil-ħajja tan-nies li jgħixu f'dawn l-imkejjen u li l-ħajja u l-għixien tagħhom kien dejjem jiddependi mill-preżenza tal-pellegrini nsara fis-santwarji. B'mod partikulari tajjeb li nġibu quddiem għajnejna kemm insara llum jinsabu mingħajr mezz t'għixien, kemm tfal imsakkra fi djarhom għax l-iskejjel magħluqa, kemm... kemm tbatija għax is-suppervja politika għerriet il-qlub u kissret kull tama f'ġejjieni fis-sliem. Aktar minn 1800 Palestinjan u kważi 700 Iżraeljan sfaw maqtula f'din il-ġlieda imdemmija. Ġlieda li fiha l-vittmi ma humiex dawk li jikkmandaw fil-kmamar tal-poter imma ż-żgħir li bl-innoċenza jinqabad fil-morsa tal-mibegħda u l-vendetta bla jaf għaliex u mingħajr ma jilmaħ dawl fuq ix-xefaq tal-ġejjieni. Għajb li l-politiċi tad-dinja jibqgħu idawwru wiċċhom naħa oħra għax ħsiebhom x'imkien ieħor u la jimpurtahom mit-tbatija u wisq anqas mid-dmugħ u d-dmija ta' dawn il-popli!! Imbagħad, wara ħamsin jew mitt sena, inħabbtu fuq sidirna u ngħidu "mea culpa!" L-ipokrizija tal-utli u l-meħtieġ!

**Il-Bibbja f'idejna**

*Kitba ta' Guido Schembri ofm*

# L-Evanġelju skond San Luqa

*IR-RABA' TAQSIMA (ikompli)*

### Ikla u kundanna f'dar ta' wieħed Fariżew (11,37-54)

Huwa u jitkellem, wieħed Fariżew stieden lil Ġesù għall-ikla ta' nofsinhar (skond l-oriġinal grieg). Ġesù mar imma ma ħasilx idejh qabel l-ikel kif kienet id-drawwa tar-rabbin Lhud, u l-Fariżew skandalizza ruħu.

Ġesù sab l-okkażjoni li jikkundanna l-formaliżmu reliġjuż tal-Fariżej u tal-kittieba (l-għorrief tagħhom). Dawn kienu "nies bla moħħ"; jagħmlu dak li jidher u ma jqisux sewwa dak li tgħid il-kuxjenza. Li jsir dak li jidher hi ħaġa tajba imma hi ħaġa aħjar li tagħti kas għal dak li ma jidhirx għax Alla jħares iktar lejn il-kuxjenza milli lejn l-għemil, tajjeb kemm ikun tajjeb. Per eżempju, li wieħed jagħti karità hu għemil tajjeb imma jeħtieġ li l-karità tingħata b'kuxjenza "nadifa" (vers 41) mhux biex wieħed jidher u jieħu tifħir in-nies. U li jitħallsu d-deċimi fuq il-prodott ta' l-art (10 fil-mija skond il-liġi) hi ħaġa tajba, imma ma kienx hemm bżonn li l-liġi tinkludi wkoll l-iżgħar ħxejjex kif għallmu l-Fariżej; dan kien toqol żejjed fuq il-kuxjenza. Alla ma riedx legaliżmu u toqol ta' kuxjenzi kif riedu l-Fariżej li fl-istess ħin kienu jfittxu li jidhru mill-poplu fis-sinagogi u l-pjazez. Ġesù qalilhom ċar u tond li kienu bħal "oqbra" (skond Mattew, "oqbra mbajda") sbiħ minn barra u mimlijin insetti minn ġewwa.

Meta wieħed mill-għorrief qal lil Ġesù li kien qiegħed joffendi lilu u lil sħabu (vers 45), Ġesù kompla jikkundanna lilhom ukoll. Qalilhom li dak li kienu jridu li l-poplu jitgħabba bih huma ma kinux imissuh b'saba' wieħed. Dan il-formaliżmu kienu ġa' ikkunnawh il-profeti li missirijiethom qatlu. U huma ("dan in-nisel") kienu qed iġeddu għemil il-missirijiet fuq Ġesù u kienu se jkomplu jġedduh fuq l-Appostli. Imma l-qaddisin tal-qedem, ibda minn Abel (li l-qtil tiegħu hu rrakkuntat fl-ewwel ktieb tal-kanone Lhudi) u spiċċa f'Żakkarija (li l-martirju tiegħu hu rrakkuntat fl-aħħar ktieb tal-kanone Lhudi) jixhdu kontra l-Fariżej u l-kittieba. Ġesù jagħlaq il-kundanni tiegħu b'kundanna iktar qawwija minn ta' qabel: L-għorrief tal-liġi li lilhom kien mogħti l-muftieħ tal-għerf ma nqdewx bih tajjeb; mhux biss ma daħlux huma fil-qalba ta' l-Iskrittura (il-ġid li jġib miegħu il-Messija) imma lanqas ma ħallew lil ħaddieħor jidħol.

Il-vrus 53-54 juru r-reazzjoni tal-Fariżej u l-għorrief tal-ligi: minflok li laqgħu kliem Ġesù bl-umiltà u kkonvertew, bdew ifitxxu jonsbuh b'mistoqsijiet iebsa biex isibu fuqiex jakkużawh. Il-Fariżej u l-għorrief tal-Liġi huma wkoll il-figura tal-bniedem, supperv li ma jkunx irid jisma' lil min irid jagħmillu l-ġid.

Il-kapitlu li jmiss iħaddan tagħlim ta' natura axxetika, jiġifieri ta' ċaħda u rażan. Ħafna mill-materjal jinsab ukoll f'San Mattew imma mxerred 'l hawn u 'l hemm fl-evanġelju.

### Il-wiċċ b'ieħor u l-istqarrija tal-verità (12,1-12)

Meta l-folla kienet qed tinġabar bl-eluf biex tisma' lil Ġesù, hu wissa l-ewwel lid-dixxipli biex ma jagħmlux bħall-Fariżej li juru wiċċ b'ieħor, imma jkunu sinċieri u jagħmlu dak li jgħidu għax xejn ma hu moħbi li ma jinkixifx.



*Ritratti f'dan l-artiklu: San Ġwann 'Għajn Karim*



Id-dixxipli m'għandhomx jibżgħu jgħidu l-verità lanqas minn dawk li għandhom il-qawwa li joqtlu l-ġisem. Għandhom jibżgħu minn Alla biss għax hu biss għandu s-setgħa li jitfa' fl-infern. M'għandhomx jibżgħu mill-bnedmin għax, jekk Alla jieħu ħsieb l-għasafar tal-bejt li jiswew ftit, m'hux sejjer jinsa lil min jaf tajjeb sax-xagħar ta' rasu u li jiswa ħafna iktar mill-għasafar tal-bejt.

Mela min jistqarr li hu ma' Ġesù, Bin il-bniedem, hu jistqarru wkoll quddiem l-anġli ta' Alla; imma min jiċħdu, Ġesù jiċħdu quddiem l-anġli ta' Alla, jiġifieri quddiem Alla stess. U min jgħid kontra Ġesù, dnubu jinħafirlu, imma ma jinħafirlux jekk jeħodha kontra l-Ispirtu s-Santu li qiegħed jopra f'Ġesù, għax ikun qiegħed jeħodha kontra l-istess verità u jagħlaq għajnejh għad-dawl.

Imbagħad Ġesù bassar lid-dixxipli li se jkunu mwarrbin mis-sinagoga u mill-kbarat, imma qawwilhom qalbhom għax l-Ispirtu s-Santu jkun magħhom u jqawwilhom kliemhom.

## L-għani l-iblaħ (12,13-21)

Kienet drawwa li l-għorrief Lhud jindaħlu fi kwistjonijiet mhux ta' natura reliġjuża. Għalhekk wieħed għani resaq lejn Ġesù u talbu biex jgħid lil ħuh jaqsam il-wirt miegħu. Ġesù ma riedx jindaħal, imma sab l-okkażjoni li jwissi kontra r-regħba għax, ukoll jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix minnu.

Biex jiċċara din il-verità, Ġesù qal parabbola. Wieħed raġel għani ġabar kotra ta' frott u minflok li gawda ġidu onestament u ħalla lil ħaddieħor igawdi miegħu, għamel il-ħsieb li jibni mħażen ġodda biex ikabbar ġidu u jkollu moħħu mistrieħ għall-ġejjieni. Imma Alla qallu li kien iblaħ għax dak il-lejl stess kien se jmut u ġidu jieħdu ħaddieħor. "Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla" (v.21)

It-tagħlima ewlinija tal-parabbola hija l-vanità tal-ġid materjali meta wieħed ma jisserviex bih għall-ġid spiritwali. Dwar is-siwi tal-ġid matejali, Ġesù jissokta jgħallem fis-silta li ġejja.

## L-inkwiet u t-tħassib fuq il-ġid materjali (12,22-34; Mat 6,19-33)

Issa Ġesù jwissi dwar l-inkwiet żejjed għall-ikel u l-ilbies, għax il-ħajja hi aqwa minnhom u hemm il-provvidenza li taħseb għall-għajxien tal-bniedem kif taħseb għaċ-ċawl li la jiżra', la jaħsad u lanqas ma għandu fejn jaħżen. Il-ħsieb żejjed għall-għada mhux se jtawwal il-ħajja; u, kif Alla jlibbes il-ġilji bi sbuħija ta' lbies li lanqas Salamun ma seta' jkollu, hekk Alla jipprovdi għan-nies imqar ta' fidi ċkejkna. Huma n-nies tad-dinja li jinkwitaw ruħhom għall-għada. Alla Missierna jaf dak li l-bniedem jeħtieġ, u jekk il-bniedem ifittex l-

ewwel is-Saltna ta' Alla, il-meħtieġ jingħata lilu b'żieda.

Id-dixxipli, "merħla ċkejkna" (v.32) għax jinsabu mdawrin b'dinja materjalista u supperva, m'għandhomx għax jibżgħu għax qegħdin fis-Saltna li t-teżor tagħha hu kbir. Għalhekk min jagħmel karità jkun qed jaħżen fis-sema u jkollu teżor li qatt ma jintemm jew jitħassar. U jekk id-dixxiplu jbiegħ kull ma għandu u jagħtih lill-foqra, ikollu qalbu ġa fit-teżor tas-sema.

### Parabbola dwar il-qaddejja li jishru (12,48)

Din il-parabbola kważi kollha tinsab f'Mattew (24,43-5) imma f'imkien differenti, fid-diskors ta' Ġesù dwar it-tieni miġja tiegħu. Imma ż-żewġ Evanġelisti jitkellmu fuq l-istess suġġett: il-"parusia" (jew "it-tieni miġja tal-Mulej") li l-Insara tal-bidu kienu qed jistennewha fil-qrib u, mbagħad wara l-qerda ta' Ġerusalemm fis-sena 70 w.K., bdew jistennewha fi żmien mhux magħruf, kif qegħdin nistennewha aħna.

Ġesù jwissi biex inkunu dejjem b'ġenbejna mħażżma, kif kienu jivvjaġġaw il-Lhud, u bl-imsiebaħ mixgħula, dejjem lesti biex meta jħabbat is-Sid niftħulu ħalli jdaħħalna fil-festa tal-ferħ ta' dejjem. Hemm hu jgħaddi jservina, jiġifieri jagħtina l-premju li għalih inkunu ħdimna fuq l-art. Inkunu dejjem lesti u nishru għax hu jiġi bħal ħalliel.

Din it-tieni miġja tal-Mulej donnha qed tirreferi wkoll għall-miġja antiċipata fil-ħin ta' mewtna meta jsir il-ġudizzju ta' kull wieħed minna.

Imbagħad Pietru staqsa lil Ġesù jekk hu kienx qed jgħid għall-Appostli jew għal kulħadd (v.41). Bħal fi drabi oħra, Ġesù ta tweġiba ndiretta. L-ewwel wissa li kull dixxiplu għandu jaħdem b'fedeltà kbira għal dak li hu fdat f'idejh biex meta jiġi s-Sid jafdalu iktar, inkella, jekk jagħtiha għal ħajja ħażina, s-Sid meta jiġi "jagħmlu bċejjeċ" (espressjoni aramajka li tfisser "jeħodlu kollox").

Il-vers 48 itaffi l-kastig li jingħata lill-qaddej mhux fidil, u jgħid li jitteħidlu dak li s-Sid ikun fdalu u jingħata lil min m'għandux. Hawn Ġesù juri li, għalkemm kliemu kien jgħodd għal kull dixxiplu, jgħodd b'mod speċjali għall-kapijiet tal-Knisja li għandhom f'idejhom il-ġid ta' l-erwieħ.

### X'teħtieġ il-vera fidi (12,49-53 u Mt 10,34-36)

Ġesù beda joqrob lejn il-passjoni u beda jħoss id-dieqa tal-mewt kiefra li jxebbaħha ma' nar (hawn: nar tal-mibegħda) u magħmudija (tbatija kbira għall-bidu ta' ħajja ġdida). Issa juri x-xewqa li dak li hu fil-qrib (in-nar tal-mibegħda) iseħħ ma jdumx.

Ġesù jbassar ukoll li n-nar tal-mibegħda tad-dinja li hu kien dalwaqt se jħallas għalih b'mewt kiefra, ikun nar li se jgħaddu minnu wkoll id-dixxpli fidili tiegħu. L-Evanġelju jġib paċi interna fid-dixxipli imma jġib ukoll firda esterna, gwerra tal-ħżiena kontra t-tajbin, tbatija għall-Imgħallem divin u għas-sewwa. U din il-gwerra tidħol ukoll fil-familji u bejn l-għeżież. Dak li għadda minnu Ġesù jeħtieġ li jgħaddi minnu d-dixxiplu wkoll. Il-ħażen jibqa' jaħdem fid-dinja u n-Nisrani jibqa' jinħaqar, imma Ġesù ma jħallihx qatt waħdu. Hu dak li tfisser il-magħmudija (ara Rum 6,1-11 u 2 Kor 4,10).

### Is-sinjal taż-żminijiet (12,54-59)

San Mattew iġib lil Ġesù jgħid dan il-kliem meta kien ħdejn l-Għadira ta' Tiberija; Luqa jġibu hawn għax iqis il-ħajja ta' Ġesù bħala vjaġġ lejn Ġerusalemm fejn se jmut u jirxoxta.

Il-Lhud kienu jagħrfu s-sinjali taż-żmien, meta tagħmel ix-xita u meta jagħmel ix-xlokk li jġib is-sħana għax dawn imissu l-interessi materjali tagħhom, imma ma għarfux il-Messija





li kien imisshom ilhom li għarfuh.

Il-parabbola ta' wieħed li jkun aħjar għalih li jirranġa ma min ikun se jtellgħu il-qorti quddiem il-maġistrat Ġesù qalha lil-Lhud li ma ridux jikkonvertu u jirranġaw ma' Ġesù qabel jum il-ħaqq. U issa kien iż-żmien li jilqgħu lil Ġesù bħala l-Messija mistenni. Inkella jkollhom iħallsu sa lanqas ħabba fil-kastig etern.

### Sejħa għall-penitenza (13-1-9)

Dan il-kapitlu 13 fih żewġ taqsimiet: l-ewwel taqsima (1-9) tkompli dwar il-penitenza; it-tieni tħaddan suġġetti differenti mingħajr rabta bejniethom.

Ġesù hawn isemmi żewġ ġrajjiet li seħħu xi żmien qabel: dik meta Pilatu qatel xi Galilin li kienu qed joffru sagrifiċċji fit-tempju f'waħda mill-festi tagħhom meta l-lajċi wkoll setgħu joqtlu l-vittma tas-sagrifiċċju; u l-ġrajja l-oħra (v.4) meta t-torri ta' qrib l-għajn ta' Silwam waqa' u qatel tmintax-ir ruħ. Il-Lhud kienu jaħsbu li kull ġrajja kerha hi effett ta' xi dnubiet kbar; Ġesù rrifera għal dan t-twemmin popolari bla ma qal li qabel miegħu, imma ried jgħid li dawk li kienu qed jisimgħuh ma kinux aħjar mill-vittmi ta' Pilatu u tat-torri ta' Silwam. Lil dawn is-semmiegħa li ma ridux jilqgħuh wissihom biex jindmu u jagħmlu penitenza.

Ġesù jkompli jgħallem il-ħtieġa tal-penitenza bil-parabbola tas-siġra tat-tin li ma għamlitx frott. Is-sid ta' l-għalqa stenna għal tliet snin u meta ra li baqgħet bla frott, bagħat il ħaddiema tal-għalqa biex jaqlgħuha ħalli ma tokkupax post għalxejn. Dawn talbu lis-sid biex jistenna sena oħra qabel ma jeqirduha. Il-parabbola għandha tliet tagħlimiet: dawk li ma jikkonvertux (l-aktar il-Lhud li kienu preżenti) jintilfu; Alla jibqa' jittama li jindmu; u l-kastig ta' l-aħħar jekk ma jindmux.

### Il-mara mifluġa mfejjqa f'jum is-Sibt (13,11-17)

Kif kien qed jgħallem fis-sinagoga f'jum is-Sibt, Ġesù ra mara mifluġa li kienet ilha marida tmintax-il sena, qiegħed idejh fuqha u hi waqfet dritta tfaħħar lil Alla. Il-kap tas-sinagoga saħan għax il-fejqan sar nhar is-Sibt; imma Ġesù ċanfar din l-ipokrisija u qal li jekk kulħadd jitma' u jisqi l-ħmar tiegħu f'jum is-Sibt, ma kinitx ħaġa xierqa li din, bint Abraham li hi wisq aħjar minn annimal, tkun imfejjqa f'jum is-Sibt? Dawk li kienu kontra Ġesù regħexu bil-mistħija; l-oħrajn faħħru lil Alla għal dawn l-għeġubijiet.

### Żewġ parabboli dwar is-Saltna ta' Alla (13,18-21)

Luqa jġib hawn il-parabbola tal-mustarda u dik tal-ħmira li Ġesù kien għallem ħdejn l-għadira ta' Tiberija. Il-parabbola tal-mustarda tgħallem li s-Saltna ta' Alla għandha bidu ċkejken (bħaż-żerriegħa tal-mustarda) u tikber bosta hekk li tagħti kenn lil ħafna erwieħ.

Il-parabbola tal-ħmira (v.21) tgħallem li kif ftit ħmira ttellgħa għaġna kbira, hekk hi l-qawwa moħbija tas-Saltna permezz ta' l-Evanġelju.

Fiż-żewġ parabboli wieħed għandu jfittex it-tagħlima ewlenija u mhux it-tiżjin li jkun hemm magħha.

### Kemm huma dawk li jsalvaw (13,22-30)

Kif Ġesù kien sejjer Ġerusalemm, wieħed staqsieh kemm huma dawk li jsalvaw. Ir-rabbin kienu jgħallmu li l-Lhud (ulied Iżrael) u wkoll l-oħrajn li ma jafux bil-Ligi ta' Mosè isalvaw, u li ma jidħlux fis-Saltna biss il-midinbin kbar; imma r-raba' ktieb ta' Esdra (dan m'huwiex parti mill-Bibbja) kien jgħallem li Alla ħalaq id-dinja għal-kulħadd, iżda s-sema għal ftit (8,1) u li dawk li jintilfu huma iktar minn dawk li jsalvaw (9,15)).

Ġesù għallem li ħafna se jkunu diżappuntati minħabba l-għebusija ta' qalbhom. ħafna raw il-mirakli li Ġesù kien qed jagħmel u ma nidmux; għalhekk dawk li m'humiex mill-poplu magħżul se jkol-lhom sehem fil-ġid tas-Saltna għax se jemmnu u jikkonvertu. Iżrael kien imsejjaħ l-ewwel, imma ħafna ma emmnux; għalhekk dawk ta' nisel pagan li jikkonvertu se jkunu minn ta' l-ewwel fis-Saltna.

Ġesù ma riedx jgħallem li jkunu ftit li jsalvaw, imma kien qed jalludi għal-Lhud li ma ridux jilqgħu tagħlimu.

### Ġesù jitħassar lil Ġerusalemm (13,31-35)

Huwa u sejjer Ġerusalemm u għadda jgħallem minn diversi bliet u rħula, xi Fariżej qalulu biex jitlaq minn hemm għax Erodi (Antipa) ried joqtlu. Jidher li Ġesù kien għadu jgħallem fil-Perea, art li kienet iggvernata minn dan Erodi. Luqa ma jgħidx x'kien l-iskop tal-Fariżej li jagħtuh dan il-parir u għaliex Erodi ried joqtlu. Ġesù sejjaħ lil Erodu "volpi" (malizzjuż) u qalilhom biex imorru jgħarrfuh bil-mirakli li issa ("illum u għada") kien qed jagħmel għax kien wasal biex itemm il-missjoni tiegħu ("fit-tielet jum") u jkun maqtul f'Ġerusalemm fejn inqatlu l-profeti kollha.

Ġesù qabbel il-malizzja ta' Erodi ma' dik tal-għedewwa tiegħu mxebbħin ma' Ġerusaelemm, belt li hu kien tant iħobb. Fakkar f'kemm għamel Alla għall-ġid tal-poplu tagħha bil-figura tal-qroqqa li tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u f'kemm dan il-poplu qatel profeti u ħaġġar nies mibgħutin minn Alla. Fl-aħħar bassrilhom il-qerda tal-belt, l-abbandun tagħhom minn Alla, u l-glorja tiegħu meta jidher bħala mħallef fl-aħħar taż-żminijiet.

Il-kapitlu li ġej fih erba' xeni marbutin flimkien permezz ta' l-ikla ta' Ġesù għand wieħed mill-kapijiet tal-Fariżej; ir-rabta tista' tkun redazzjonali u mhux storika.

### Fejqan ta' wieħed marid bl-ilma (14,1-6)

Kienet drawwa li l-Lhud jistiednu għall-ikel lil min jgħallem fis-sinagogi. Ġesù kien mistieden f'jum is-Sibt aktarx biex jaraw jekk jerġax ifejjaq f'dak il-jum ta' mistrieħ. Waqt l-ikla kien hemm wieħed marid bl-ilma u Ġesù, li kien għaraf il-malizzja tal-għorrief u tal-Fariżej, staqsihom jekk kienx jiswa jfejjaq nhar il-jum tas-Sibt. Mingħajr ma stenna t-tweġiba tagħhom għax baqgħu sektin, fejjaq lill-marid. Biex jurihom l-ipokrisija tagħhom qalilhom: jekk xi ħadd jaqagħlu barri (skond xi kodiċijiet: ħmar) f'ġiebja f'jum is-Sibt mhux se





jħallih hemm mingħajr ma jtellgħu minn hemm. U huma baqgħu siekta.

**L-ewwel postijiet (14,7-11)**

Dawn il-vrus fihom tagħlima mxebbħa ma' dak li jiġri fost il-bnedmin. Meta wieħed jistieden għall-ikel, iqiegħed fil-postijiet ta' quddiem lil min jistħoqqlu l-iktar. Hekk jagħmel Alla magħna. Jistieden lil kulħadd, imma hu biss jaf min jistħoqqlu li jkun min ta' quddiem. Hawn insibu ċanfira moħbija lill-għorrief u lill-Fariżej li kienu jaħsbu li huma minn ta' l-ewwel quddiem Alla. Kien ikun tajjeb għalihom li jkunu umli.

**Lil min għandek tagħmel il-ġid u x'għandek tistenna (14,12-14)**

Il-vrus 12ss. jgħallmu li meta wieħed jagħmel il-ġid m'għandux iħares lejn l-uċuħ u jistenna l-premju jew gratitudini f'din id-dinja. Għandna nagħmlu l-ġid lil kulħadd u nistennew il-ħlas mingħand Alla u fil-ħajja li ġejja.

**Il-pranzu (14,15-24)**

Din il-parabbola hi ċanfira oħra lill-għorrief u l-Fariżej li kienu mistednin kemm-il darba għall-pranzu (figura tal-ferħ messjaniku u tas-sema) u b'diversi skużi ma laqgħux l-istedina. Għalhekk min għamel il-pranzu stieden lil kulħadd saħansitra n-nies imwarrbin tas-soċjetà. Dak li stieden hu Alla; l-ewwel mistednin huma l-Lhud; il-bqija huma dawk li ma kienux ulied il-wegħda. Ġesù ħa l-okkażjoni li jgħid din il-parabbola mill-kliem ta' wieħed li qal: "Hieni min jiekol il-ħobż fis-Saltna ta' Alla".

**Il-veru dixxiplu (14,25-35)**

It-tagħlima ewlenija ta' dawn il-vrus hi li Ġesù jippersonifika s-Saltna ta' Alla u ma hemmx triq oħra għas-salvazzjoni ħlief dik li tkun dixxiplu tiegħu u tagħmel dak kollu li jitlob minnek. Id-dixxplu veru għandu jobgħod saħansitra lilu nnifsu u lill-iktar għeżiez tiegħu biex ikun dixxiplu; il-kelma "tobgħod" m'għandhiex tittieħed fis-sens psikoloġiku, imma tfisser li tqis kollox inqas minn dak li jitlob l-Evanġelju. Ġesù jitlob ċaħda radikali minn min jimxi warajh (v.33). Dak in-Nisrani li ma jagħmilx dan ikun bħall-melħ li jaqta' u ma jkun jiswa għal xejn (v.34s.).

**In-nagħġa mitlufa (15,1-7)**

Il-kapitlu 15 iħaddan fih tliet parabboli dwar il-ħniena ta' Alla u hu magħruf bl-isem ta' "kapitlu tal-ħniena". Id-deskrizzjoni luqana hi tassew kapulavur tal-pinna u tal-katekeżi nisranija. It-tliet parabboli jagħtu tweġiba għall-kritika tal-Fariżej li Ġesù jħobb il-midinbin u jiekol magħhom. L-iben ħali, in-nagħġa mitlufa u l-munita mitlufa huma x-xbieha tal-midneb; il-missier, ir-ragħaj u l-mara huma l-figura ta' Alla.

Il-parabbola tan-nagħġa mitlufa tinsab ukoll f'San Mattew. Mattew jagħti mportanza liż-żelu appostoliku, Luqa lill-ferħ li jħoss Alla fil-konverżjoni tal-midneb kif ragħaj jifraħ meta jsib in-nagħġa li ntilfet għalkemm kellu disgħa u disgħajn nagħġa oħra.

*Kitba ta' Lino Cignelli ofm*

# Kristu fl-Evanġelju ta S. Mattew

San Mattew, appostlu u evanġelista, hu l-ewwel awtur (uman) li niltaqgħu miegħu fit-Testment il-Ġdid. Jekk noqogħdu għal dak li tgħid it-tradizzjoni, Mattew kien lhudi-kristjan li kiteb (direttament) għall-insara li kienu ikkonvertew mir-reliġjon Lhudija. Minn hawn nifhmu, fost affarijiet oħrajn, l-insistenza tiegħu dwar ir-relazzjoni li tgħaddi bejn it-TĠ u t-TQ. Għal Mattew, bejn it-TQ u t-TĠ hemm fl-istess ħin kontinwità u progress: il-Ġdid hu, b'mod definittiv, il-milja tal-perfezzjoni tal-Qadim, fil-maturità sħiħa tiegħu (Mt 5,17ss; cfr. Dei Verbum 15ss). Għaldaqstant, kif tassew jgħid Ġesù, "henjin għajnejkom, għax qegħdin jaraw; henjin widnejkom, għax qegħdin jisimgħu" (Mt 13,16s).

L-intenzjoni ta' Mattew, kif inhi dik ta' l-evanġelisti l-oħrajn, mhix tant informattiva, imma pjuttost formattiva, missjunarja: hu jrid iwassalna għand Kristu (Mt 4,19; 13,47; 28,19s; cfr Ġw 20,31), li hu dejjem preżenti u jaħdem fostna (18,20; 28,20; cfr. Mk 16,20). Hu jridna "nagħrafu lil Ġesù, nisimgħu lil Ġesù, nimxu wara Ġesù, għaliex Hu biss jista' jaqta' l-għatx ta' dak il-ferħ li għalih aħna ġejna maħluqin", u joffrina hekk "l-akbar servizz" f'kull livell (Madre Teresa ta' Calcutta).

Aħna jeħtiġilna nilqgħu "dan il-messaġġ evanġeliku hekk għoli" (San Ċirillu ta' Lixandra). Dan hu dmirna u fl-interess tagħna: ħadd aktar ma jista' jgħidilna u jagħtina aktar minn Ġesù, "il-Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj" (Mt 16,16), il-Feddej u l-Imgħallem uniku tal-bnedmin (1,21; 23,8.10). Ġesù ma għandux alternattivi validi: jew inkunu miegħu inkella naslu għal falliment u rovina eterna! (12,30; 22,7.13). U meta nilqgħu l-Evanġelju bil-fidi li aħna niltaqgħu miegħu u nagħmlu esperjenza tiegħu, kif ifakkarna Sant'Ambroġ (De viduis 10,61). "L-Evanġelju hu l-mera biex naraw u nisimgħu lil Ġesù. Meta naqrah jiena nerġa' ngħixu" u nkun salvat minnu, jiġifieri meħlus u mgħolli lejn id-divin.

Ejjew nagħmlu tagħna t-tweġiba ta' fidi tal-Qaddis ta' Assisi. Franġisku, wara li sema' test minn San Mattew (10,7-10), "mall-ewwel imtela' bil-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu u għajjat: Dan hu li rrid, dan hu li nitlob, dan hu li nixtieq nagħmel b'qalbi kollha!" Din hi r-raġuni għaliex il-Fqajjar sar sinjal ċar ta' l-istorja tas-salvazzjoni, aktar mill-universitajiet tejoloġiċi ta' żmienu.

Mattew irid jgħallimna filqosor tliet veritajiet fundamentali: I. Min hu Ġesù. II. X'għamel Ġesù għalina. III. It-tweġiba li rridu nagħtu għas-sejħa deċiżiva ta' Ġesù. L-ewwel verità jgħallimhielna permezz ta' ismijiet u titli li jagħti lil Ġesù, it-tieni waħda permezz ta' l-azzjonijiet li bihom salvana, it-tielet waħda permezz tad-diversi tweġibiet tan-nies ta' żmienu għas-sejħa tiegħu.

## I. Min hu Ġesù?

Mattew jgħarrafhulna permezz ta' diversi ismijiet u titli: huma ismijiet u titli li





juruna identità doppja, hekk imsejħa teándrika (divina-umana). Ġesù hu fl-istess ħin bniedem u Alla, "Bin il-bniedem" u "Bin Alla", hu fl-istess waqt "iben" u "sid" David (Mt 1,1; 21,15s; 22,42-45). Minn hawn tiġi t-traxxendenza tal-persuna tiegħu u l-istagħġib tal-bnedmin quddiemu, quddiem il-kliem u l-għemejjel tiegħu (7,28; 8,27; 12,41s; 13,16s; 15,31; 27,54). Ġesù hu persunaġġ inkomparabbli, uniku: ġej minn dinja oħra u jitkellem u jaħdem b'mod differenti minn kull bniedem ieħor (22,23ss; 26,52s.64; cfr. Ġw 7,46; 9,32s; 15,22.24).

Ismijiet u titli divini: Ġesù (isem li jfisser Jaħweh isalva: Mt 1,21), Għimmanu-El (Alla magħna: 1,23), Iben ta' Alla (16,16; 6,63), Mulej (Kyrios = Jaħweh: 7,21s; 22,43-45), Mħallef (7,21ss; 24s), Għarus (9,15; 22 u 25). Nikkonċentraw l-attenzjoni fuq it-titlu "Għimmanu-El/Alla magħna". Dan hu proprju ta' San Mattew hu u mimli sa ruħ ommu b'rivelazzjoni. L-Għimmanu-El hu l-ħajta tad-deheb li tgħaddi mill-ewwel Evanġelju mill-bidu sat-tmiem (1,23 tingħaqad ma' 28,20), u jimla' kollox bid-dawl, bil-qawwa u bil-ħlewwa infinita. Ġesù – jikkummenta Ġwanni Pawlu II – hu Alla-magħna, Alla li jrid jaqsam ix-xorti tal-bniedem u jipparteċipa fid-destin tiegħu" (Varcare la soglia della speranza, Mondadori, 1994, p. 68). Hu Alla li jinżel u li jogħdos fid-dinja tagħna mwaqqa', li hu solidali magħna f'kollox: fil-ħażin li hu tagħna biex jeħlisna minnu, u fit-tajjeb li hu tiegħu biex jikkomunikahulna (Mr 8,16s; 11,27ss; 25,35ss). Ngħidulu aħna wkoll flimkien ma' Rosmini: "Ġesù, veru Bniedem, agħmilna bniedem veru! Ġesù, veru Alla, agħtini sehem mid-divinità tiegħek".

Titli umani rigward Ġesù bħala Kristu/Messija: iben David (Mt 1,1; 9,27), bin il-bniedem (8,20; 9,6), Kristu (1,1; 16,16.20s), qaddej tal-Mulej/ta' Jaħweh (8,16s; 12,17-21; 20,28). Nieqfu fuq it-titlu ta' "bin il-bniedem". Dan hu l-mod li bih normalment Ġesù storiku isejjaħ lilu nnifsu. "Għal kważi tmenin darba fl-Evanġelji, Ġesù jindika lilu nnifsu bħala Bin il-bniedem, espressjoni li tisħaq fl-istess ħin dwar l-oriġini divina (cfr. Dan 7,13ss) u l-kundizzjoni umana tal-Messija". B'mod aktar eżatt, dan it-titlu jirrivelalna n-natura umana ta' Ġesù, li mill-banda l-waħda għadha tista' tbati, hi dgħajfa u tkun imġarrba bħan-natura tagħna (Mt 4,1-11; 8,20; 26,37-44), imma mill-banda l-oħra hi diġà meħuda mill-Iben ta' Alla u għalhekk imżejna b'qawwiet divini (8,27; 14,25-33) u diġà imħejjija biex tidħol fil-glorja tas-sema (12,40; 16,27s; 26,64), għal dik il-glorja li tidher għal ftit waqtiet fit-trasfigurazzjoni fuq it-Tabor u li toħroġ fil-beraħ b'mod definittiv bil-qawmien mill-Qabar (17,2-9; 28,9ss; cfr. Atti 7,55s). Ġesù irxuxtat hu "l-bniedem il-ġdid" u definittiv (Ef 4,24), hu l-"bniedem perfett" (Gaudium et spes 22), "il-bniedem tal-bnedmin" (Pawlu VI).

## II. X'għamel Ġesù għalina

Mattew jurina x'għamel Ġesù għalina billi jirreferi bil-miftuħ id-"duttrina" u l-"għemejjel ta' Kristu" (Mt 7,28; 11,2). It-tagħlim u l-għemejjel, li tagħhom il-Misteru ta' l-Għid jimmarka l-quċċata (16,21; 17,22s; 20,18s; 26-28), huma l-attività essenzjali li biha Ġesù jwettaq il-missjoni salvifika

tiegħu, li teħles u li ġġib 'il quddiem lill-bniedem, u li biha juri ruħu bħala l-Messija imwiegħed fit-TQ (11,2-6) u l-ħabbâr li jġib is-Saltna tas-smewwiet (ta' Alla) fid-dinja (5-7; 8ss; 12,28; 28,18ss).

Duttrina. Ġesù jagħti tagħlim traxxendenti, divin, imnissel minn għajn waħda, u li hu kollu superjuri għal dak tat-TQ (Mt 5-7; 22,33), u hu dejjem attwali u validu (24,35; 28,19s). Mhux biss hu tagħlim superjuri imma, almenu xi drabi, ma jaqbilx ma' dak tal-"kittieba", tal-"fariżej u s-sadduċej" (7,29; 15,12-14; 16,11s; 22,23ss). Ġesù jgħidilna li issa "wieħed hu l-imgħallem u l-mexxej tagħkom: Kristu" (23,8.10). Din hi affermazzjoni għal kollox leġittima. Jirrakkontaw li Napuljun, wara li sema' paġna ta' l-Evanġelju, kien stagħġeb u qal: "Jiena li naf lill-bnedmin ngħid li dawn mhumiex kliem ta' bniedem!" (cfr. Mt 7,28s; 13,54).

"L-għemejjel ta' Kristu" (Mt 11,2) huma mirakli, fejqan (fir-ruħ u fil-ġisem) u eżorċismi (4,23s; 8,14-17; 9,2-8.35). B'dawn l-għemejjel, sinjal ta' l-omnipotenza u l-ħniena divina tiegħu, Ġesù jerġa' jġib fid-dinja "s-Saltna ta' Alla" (9,35; 12,28), u hekk il-pjaneta tagħna, minn infern ta' l-art tista' ssir ġenna ta' l-art (1,23; 4,11).

### III. It-tweġiba li rridu nagħtu għas-sejħa ta' Ġesù

Hi tweġiba ta' nies li jemmnu tassew, bħal Marija u Ġużeppi (Mt 1s), il-maġi (2,11), Ġwanni l-Battista (3,1-15), Mattew innifsu (9,9), Pietru u l-appostli l-oħrajn ħlief Ġuda l-Iskarjota (4,18-22; 10,1-5), il-foqra fl-ispirtu (5,3; 11,5), il-morda u l-midinbin umli (9,10-13; 11,5s), in-nisa twajba (27,55s; 28,1-10). Dawk li jimxu wara Ġesù huma x'aktarx nies foqra, li s-soċjetà twarrabhom, dawk li għandhom bżonn ta' kollox u li ma jistgħu jagħtu xejn (4,24s; 15,30; 21,14). Hu ma ġiex għal dawk li huma "f'saħħithom", għall-"ġusti", imma għall-"morda" u għall-"midinbin" (9,12s). Hu biss dak li jagħraf ix-xejn tiegħu li jista' jimxi wara Ġesù.

Huma ta' min jevitahom, għax huma diżastrużi, it-tweġibiet ta' dawk li jemmnu b'nofs kedda u ta' dawk li ma jemmnux. Jemmnu b'nofs kedda dawk li jilqgħu lil Ġesù kif jafu huma, bir-riservi u l-kundizzjonijiet (Mt 7,21ss; 8,19-22; 22,9-14; 24s), bil-kalkoli xi ftit jew wisq egoisti, biex jinqdew bir-reliġjon flok jaqdu lir-reliġjon. Il-mudell u l-patrun tagħhom hu Ġuda, traditur u iddisprat (10,4; 26,24; 27,3-5). Huma bla fidi dawk li jiċħdu lil Ġesù minħabba l-ħażen tagħhom u b'mod ostinat, kif jagħmlu xi politiċi ta' żmienu (2,3ss; 14,1-12; 26,11-26), l-anzjani u l-qassisin il-kbar (16,21; 21,23.45s; 26,3s) u l-aktar il-kittieba u l-fariżej, l-intellettwali! (9,3.11; 12,14.38-45; 15,1-14; 16,21; 23,13ss). Imma ċ-ċaħda ta' Ġesù ma tikkwalifika lil ħadd, anzi hi l-akbar inġustizzja u l-akbar assurdità ta' l-istorja. Wieħed jiċħad lid-diżonest u lill-bniedem ħażin, u mhux lill-onest u l-benefattur: u min hu aktar onest u benefattur minn Ġesù?

It-tweġiba tagħna, issa, lil liema waħda minn dawn it-tlieta tixbaħ?



*Kitba ta' Ignazio Mancini OFM*

# Min hi l-bhima ta' l-Apokalissi?

L-aktar ktieb diffiċli tat-Testment il-Ġdid kollu hu, mingħajr dubju, l-Apokalissi ta' San Ġwann appostlu u evanġelista. Id-diffkultà ġejja minn waħda mill-karatteristiċi tal-ġeneru letterarju apokalittiku, li hi dik li dan hu għal kollox simboliku.

In-numru kbir ta' xbihat li jiġu wżati, l-oriġinalità tagħhom li ħafna drabi tħawwadna u tbellaħna, il-viżjonijiet u x-xeni li qatt ma smajna bihom, iwasslu lill-qarrej biex jintilef faċilment f'dan il-labirint ta' simboli.

Ħafna huma l-persunaġġi li niltaqgħu magħhom f'din l-opra. Minnhom kollha l-aktar persunaġġ li jimpressjonana hu ċertament dak tal-Bhima.

## Hu possibbli nkunu nafu xi ħaġa dwar il-Bhima?

Għalkemm hi ħaġa ċerta li d-dinja ta' l-Apokalissi hi diversa ħafna mid-dinja tagħna, aħna l-oċċidentali, li aħna priġunieri tal-loġika, inrenduh aktar diffiċli biex nifhmuh. Irrid ngħid li ma hemm l-ebda raġuni biex aħna nagħmlu interpretazzjonijiet mimlijin fantasija, daqslikieku s-simboli qishom kienu kapaċi biex ifissru xi ħaġa. Is-simboli ġeneralment għandhom tifsira definittiva, u ta' spiss il-kuntest tal-ktieb u l-indikazzjonijiet mogħtijin mill-awtur huma l-aħjar mezz biex niskopru t-tifsira tagħhom.



*Ritratti f'dan l-artiklu: il-fortizza ta' Nimrod*

Mal-Bhima ta' l-Apokalissi ġara l-istess bħalma ġara fil-każ ta' l-Antikrist: ġiet identifikata ma' tant persuni, ideoloġiji u movimenti, li hu impossibbli li nagħmlu lista tagħhom kollha. Dawn huma interpretazzjonijiet li jirriżultaw li huma magħmulin bla kriterju u mimlijin fantasija.

L-aktar ħaġa ġusta tkun li nistaqsu lil Ġwanni nnifsu, l-awtur ta' l-Apokalissi, għal min qiegħed jirreferi meta jitkellem mill-Bhima.

Hu possibbli li fl-Apokalissi nsibu xi indikazzjoni li tippermettielna li niskopru l-identità vera tal-Bhima? Jidher li hu possibbli.

## Nantiċipaw il-finali

Il-Bhima tidher f'diversi mumenti tar-rakkont ta' l-Apokalissi, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-ħidma tagħha kontra l-insara u l-Knisja ta' Ġesù. Imma s-siltiet li jistgħu jgħinuna biex nidħlu fil-fond tal-misteru li jdawwar lil din il-persuna huma fuq kollox tnejn: il-kapitli 13 u 17. Fihom l-awtur ta' l-Apokalissi jfornina bid-dettalji meħtieġa biex niskopru t-tifsira ta' dan is-simbolu.

Fil-kapitlu 17 Ġwanni jgħid espressament li hu se jispjega l-misteru moħbi tal-Bhima (vers 7). U jkompli billi jiddedika l-kumplament tal-kapitlu biex jesponi t-tifsira tal-viżjoni u ta' kull wieħed mid-dettalji tagħha.

Għaldaqstant, jekk irridu nkunu nafu għal min jirriferixxi Ġwanni meta jitkellem mill-Bhima, irridu niġbru u neżaminaw id-dettalji kollha li l-awtur ispirat xerred f'dawn iż-żewġ kapitli.

Meta ittraskuraw dawn id-dettalji ħafna qarrejja mhux ippreparati intilfu fil-baħar ta' interpretazzjonijiet tal-misteru.

Nanticipaw minn issa l-final: fl-Apokalissi l-Bhima tirrappreżenta mhux inqas u mhux aktar mill-imperu ruman.



### Għaliex il-Bhima tgħix fil-baħar?

L-ewwel indikazzjoni li jagħtina l-Apokalissi dwar il-Bhima hi li din toħroġ mill-baħar (13,1). X'inhu mela t-tifsir simboliku tal-baħar?

X'aktarx Israel kien dejjem poplu li jgħix fl-intern ta' l-art, il'bogħod mill-kosta Mediterranja tal-Palestina, għal kważi t-tul kollu ta' l-istorja tiegħu. Għaldaqstant hu minn dejjem kellu biża' qaddis mill-baħar. Ma kienx jaf is-sigrieti tiegħu, ma wasal qatt biex jiddominah, u qatt ma kien poplu ta' baħħara.

In-natura inkontrollabbli u mħawwda tal-baħar wasslet biex il-poplu Lhudi jara fih manifestazzjoni tal-qawwiet infernali, ostili għal Alla. Din hi r-raġuni għaliex fil-Bibbja l-għedewwa ta' Alla dejjem jintwerew ħerġin mill-baħar. Għalhekk il-fatt li l-Bhima tgħix fil-baħar ifisser li hi tagħmel parti mid-dinja tal-ħażen, mid-dinja tax-xitan, ta' l-għadu ta' Alla.

Imma l-baħar jirrappreżenta wkoll – b'mod aktar konkret – il-baħar per eċċellenza għall-poplu Lhudi, jiġifieri l-baħar Mediterran, li fix-xaqliba estrema tiegħu kienet tinsab Ruma, il-kapitali ta' l-imperu ruman.

Għaldaqstant l-għadu (il-Bhima) li toħroġ mill-baħar biex tagħmel gwerra għal min jemmen ma tistax tkun ħlief Ruma. Effettivament fl-epoka li fiha inkiteb l-Apokalissi, madwar is-sena 90, taħt l-imperatur Domizjanu, kienet għadha kemm intemmet persekuzzjoni mdemma kontra l-insara.

### Xi titli "li joffendu"

Ġwanni jkompli jirreferi l-viżjoni tiegħu billi jgħidilna li l-Bhima kellha fuq kull waħda mis-seba' irjus tagħha isem midgħaj, jiġifieri isem li kien jinsulta lil Alla.

Dan is-simboliżmu jaqbel perfettament ma' l-użanza ta' l-imperaturi rumani, li kienet ġiet introdotta minn Neruni, li jattribwixxu għalihom infushom it-titli proprji ta' Alla, bħal dawk ta' "divin", "iben ta' Alla", "jixraqlu li jkun adurat", "salvatur", "Mulej", eċċ. Kif nafu, minn ċerta epoka l-imperaturi rumani kienu jippretendu li jiġu adurati bħala allat awtentiċi. Dawn il-pretensjonijiet kienu inaċċettabbli għall-insara u kienu jweġġgħu b'mod profond is-sensibilità tagħhom.

Il-leġġenda ta' "Neruni li jerġa' jgħix mill-ġdid".

Dwar il-Bhima nafu wkoll li "waħda mill-irjus tagħha kienet qisha midruba għall-mewt, imma din il-ġerħa għall-mewt kienet imfejqa" (13,3).

Billi aktar 'il quddiem hu rivelat li kull waħda mis-seba' irjus tal-Bhima tirrappreżenta imperatur (17,9), irridu nikkonkludu li r-riferiment hu għal sultan jew li kien diġà jeżisti inkella li kien mejjet, imma li n-nies kienu jemmnu li reġa' lura fil-ħajja.

L-istoriċi ta' l-epoka jgħidulna li meta Neruni qatel ruħu b'idejh, ħafna ma riedux jemmnu li l-imperatur



ħafna kienu semmgħu leħinhom biex ixandru li kienu waslu l-aħħar żminijiet u li l-Antikrist kien deher fil-persuna tal-president, għaliex kull wieħed mill-ismijiet tiegħu, Ronald Wilson Reagan, hu iffurmat minn 6 ittri, li jagħmlu preċiżament 666!

Hu evidenti li dan il-mod ta' interpretazzjoni hu nieqes minn kull fundament u li ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak li ried ifisser l-awtur ta' l-Apokalissi.

### Xi ħaġa nistgħu nikkalkulaw

Naraw dak li jgħid eżattament l-Apokalissi. Il-frażi li tinteressana tinsab fil-kapitlu 13 versett 18. Hemm tintemm id-deskrizzjoni tal-Bhima terribbli li tippersegwita u toqtol lill-insara u tat-tieni Bhima li twaqqaf statwa ta' l-ewwel Bhima biex kulħadd jaduraha.

Wara li jiġu introdotti u ppreżentati dawn il-figuri simboliċi, Ġwanni jrid jgħin lill-qarrejja tiegħu biex jiskopru s-sigriet u jifhmu dak li hu qiegħed jgħid. Hu jippreżentahom bi speċi ta' misteru li wieħed irid jaqtgħu, u li jgħid hekk: "Hawn qiegħed l-għerf: min għandu moħħu, ħa jobsor x'inhu n-numru tal-Bhima, għax numru ta' bniedem hu. U n-numru tagħha hu sitt mija u sitta u sittin".

L-awtur, kif rajna, jistieden lill-intelliġenti biex jikkalkulaw. Mela ma għandux x'jaqsam ma' xi ħaġa li kienet għad trid tiġri u li għalhekk kienet għadha mhijiex magħrufa, imma ma' xi ħaġa li kienet tista' tkun ikkalkulata bi ftit intelliġenza.

Is-sigriet ta' l-interpretazzjoni hu l-"gematria"

Kif għadna kemm rajna, l-

kien miet, u għalhekk xterdet il-vuċi li hu kien mar f'pajjiż imbiegħed biex jiġbor eżerċtu ħalli bih jiġi lura u jerġa' jakkwista s-saltna. Hekk twieldet il-leġġenda tar-"ritorn ta' Neruni" wara li miet.

Din il-leġġenda popolari rumana xterdet imbagħad ukoll fost il-lhud u l-kristjani, u f'ħafna kitbiet kemm ta' dawn kif ukoll ta' dawk tidher il-figura ta' Neruni li reġa' għall-ħajja u li hu mdawwar b'dija ġejja mix-xitan.

### X'jindika n-numru 666?

Min ra l-film La profezia jiftakar li fi tmiem l-istorja l-Antikristi jiġi identifikat ma' persuna li kienet twieldet fil-jum 6 tas-sitt xahar (Ġunju) fis-6 ta' filgħodu. Lanqas ma jonqsu rumanzi u telefilm li jippreżentaw in-numru 666 bħala numru misterjuż li jidentifika persunaġġ djaboliku li fl-aħħar taż-żminijiet ifittex li jieqaf lil Alla u jwettaq kull xorta ta' qerq.

Għal sekli sħaħ l-istudjużi ippruvaw jiskopru l-identità tal-persunaġġ li jinħeba wara dan in-numru. L-insara kienu jfittxuh fuq kollox fost dawk li kienu fl-ereżija. Is-setet għadhom sallum ifittxu li jidentifikaw dan in-numru ma' l-isem jew mat-titli ta' xi Papa, biex jikkonkludu li hi Ruma li għaliha jirreferi l-Apokalissi, u li trid tkun meqruda, jiġifieri l-Knisja Kattolika.

Meta Reagan kien elett president ta' l-Istati Uniti,

awtur ta' l-Apokalissi jgħid li dik iċ-ċifra tirrappreżenta isem ta' bniedem.

X'inhi ċ-ċifra ta' bniedem? Għalina jidher stramb, imma għandha x'taqsam ma' partikularità kemm fl-ilsien grieg antik, li hu dak li waslilna bih l-Apokalissi, kif ukoll fl-ilsien ebrajk, li l-awtur tagħna ċertament kien jafu.

Filwaqt li aħna nużaw ċerti sinjali biex niktbu l-ittri (a,b,c…) u sinjali oħrajn biex niktbu n-numri (1,2,3…), kemm fl-ebrajk kif ukoll fil-grieg in-numri jinkitbu billi wieħed juża l-istess ittri ta' l-alfabet. Hekk, biex wieħed jikteb in-numru 1 juża l-ittra "a", biex jikteb in-numru 2 juża l-ittra "b", u l-bqija.

Issa, jekk wieħed jiġbor flimkien l-ittri ta' kull isem proprju jew komuni, hu jakkwista n-numru li hu ċ-"ċifra" ta' dak l-isem. Dan il-proċediment li wieħed jissostitwixxi l-ittri ta' isem mal-valur numeriku tiegħu jissejjaħ "gematria" u kien użat ħafna fl-antikità. Anke l-Bibbja tużah diversi drabi.

Jekk niġu lura għall-każ tagħna, jekk Ġwanni jgħid li dan in-numru jirrappreżenta l-isem ta' persuna u li min għandu ftit intelliġenza jista' jiskopri għal liema persuna qiegħed jirreferi, dan hu possibbli għaliex din hi persuna magħrufa għall-qarrejja ta' l-Apokalissi li l-isem tagħha miktub bl-ebrajk u bil-grieg kien jagħti din is-somma. L-appostlu u evanġelista Ġwanni, li kien jinsab priġunier tar-rumani fl-istess żmien li fih kiteb il-ktieb ta' l-Apokalissi (cfr. Apok 1,9), jiddeċiedi li jwissi lill-insara dwar il-persekuzzjonijiet imminenti permezz ta' metodu moħbi, li kienu jifhmuh biss ftit, u ċertament biex jevita li l-pulizija imperjali tkun tista' tuża argumenti kontrih.

Bi probabilità kbira t-tieni Bhima hu l-imperatur Neruni, għaliex jekk wieħed jikteb ismu bl-ebrajk, ir-riżultat hu dan li ġej: N=50 + R=200 + W=6 + N=50 + Q=100 + S=60 + R=200 = 666. L-ittri indikati (NRWN QSR) huma dawk li bl-ebrajk kienu jinkitbu biex indikaw l-isem u t-titlu ta' l-imperatur: Neruni Ċesari.

L-ewwel insara ma kien ikollhom l-ebda diffikultà biex isolvu din il-problema.

**Għalfejn seba' irjus?**

Bhima ma' l-imperu ruman hi ċarissima.

Imma immedjatament wara jżid: "Is-sebat irjus […] huma wkoll seba' slaten. Ħamsa minnhom waqgħu, wieħed għadu hawn, u ieħor għadu ma ġiex, u, meta jiġi, ikollu jdum ftit. U l-Bhima, li kienet u ma għadhiex iżjed, hi stess hija t-tmien waħda, imma wkoll waħda missebgħa, u sejra għall-qerda tagħha" (17,9-11).

Min jista' jgħid dan kollu? Sempliċi ħafna. Jekk isseba' irjus tal-Bhima jirrappreżentaw seba' slaten, biżżejjed inkunu nafu min kienu l-ewwel imperaturi biex ikollna s-soluzzjoni tal-problema.



Jekk dan ma kienx biżżejjed, fil-kapitlu 17 l-awtur tagħna jfornina b'dettalji oħrajn biex hekk il-qarrej ma jkollux aktar dubji.

Jgħid li s-seba' irjus tal-Bhima jirrappreżentaw seba' għoljiet (v. 9). Id-dinja kollha taf li l-belt ta' Ruma hi l-"belt tas-seba' għoljiet"; għaldaqstant l-identifikazzjoni tal-

U kienet tidher tant diffiċli! Is-silta ta' l-Apokalissi tgħidilna li l-ewwel ħames slaten diġà għaddew. Dawn huma Awgustu, Tiberju, Kaligola, Klawdju u Neruni. Għaldaqstant Neruni kien diġà mejjet. Is-sitt wieħed hu Vespasjanu. Imbagħad jiġi s-seba' wieħed li jsaltan

għal ftit żmien (dan kien Titu, iben Vespasjanu, li lanqas dam isaltan għal sentejn). U b'dan għandna l-lista kollha tas-seba' slaten.

Imma wara Titu jiżdied it-tmien wieħed (Domizjanu), li dwaru jingħad li hu wieħed mis-seba', għaliex il-Bhima għandha biss sebat irjus.

Għaliex Ġwanni jgħid li Domizjanu, li hu wkoll iben Vespasjanu, u wieħed mis-seba' imperaturi li ġew qabel, huma wieħed? Sempliċement għaliex l-imperatur Domizjanu wera lilu nnifsu bħala Neruni ġdid, Neruni "li reġa' għall-ħajja", minħabba l-fatt li hu wkoll qajjem persekuzzjoni kontra l-insara.

Għalhekk l-awtur ta' l-Apokalissi jgħid li l-Bhima (jiġifieri Neruni) kien imma ma għandux iżjed (għaliex hu mejjet), imma li fl-istess ħin hu t-tmien imperatur (għaliex hu daqslikieku Neruni reġa' lura fil-persuna ta' Domizjanu, persekutur ta' l-insara li kien aktar krudil minn Neruni).

### Għaliex l-Imperu hu Bhima?

L-ewwel Bhima li l-awtur ta' l-Apokalissi jara tidher fil-viżjoni tiegħu hi taħlita ta' pantera, ors u ljun (13,2). X'inhi din il-bhima stramba?

Ċertament Ġwanni ma ivvintahiex, u lanqas ma ra realment. Min jaf xi ftit tajjeb it-Testment il-Qadim, jinduna mall-ewwel li l-Bhima ta' l-Apokalissi hi "ġabra" ta' l-erba' Bhejjem li l-profeta Danjel ra f'dehra, u li l-ewwel tlieta fosthom kienu jixbhu rispettivament iljun, ors u leopard (Dan 7,1-8). Dawn l-erba' Bhejjem kellhom komplessivament sebat irjus u għaxart iqrun. Anke din il-Bhima ta' l-Apokalissi għandha l-istess karatteristiċi.

Imma għaliex Ġwanni, biex jirreferi għall-imperu ruman, juża proprju dan is-simbolu? Għaliex minn meta l-ġeneral ruman Gneo Pompeo kien daħal bħala rebbieħ f'Ġerusalem (64 QK), il-Ġudajiżmu kien beda jinterpreta r-raba' Bhima ta' Danjel bħala raffigurazzjoni tal-qawwa ġdida ħakkiema, jiġifieri l-imperu ruman.

Ħafna kitbiet ta' dik l-epoka li waslulna jitkellmu kbir u qawwi, imma wkoll daqshekk inġust u pervers (almenu fl-għajnejn tal-popli sottomessi). Saħansitra kienu bdew jagħtu qima lill-imperatur, jiġifieri lill-Istat, bħala "Mulej u Alla". Dawk kollha li ma kienux jaċċettaw li joqogħdu għas-sistema kienu jiġu ippersegwitati bla ħniena.

Il-messaġġ li Ġwanni jrid jittrażmetti lill-komunitajiet tiegħu hu messaġġ ta' tama: il-qawwa li taħkem (l-imperu ruman) hi destinata li tintemm, u terġa' tirbaħ il-qawwa ta'



mir-rumani bħala Bhima feroċi li hi għadu ta' Alla.

Ġwanni, għalhekk, meta ikkompona l-ktieb tiegħu taħt forma ta' dehriet, jirrikorri għal simboli li faċilment jista' jinqara minn dawk li kienu jgħixu fi żmienu.

Il-misteru ma kienx daqshekk impossibbli li tifhmu…

Ma nistennewx l-ebda Bhima

Ġwanni kiteb l-Apokalissi f'kuntest storiku partikulari: l-imperjaliżmu ruman, sistema oppressur li kien impost minn dawk li f'dik l-epoka kienu l-aktar qawwijin mil-lat militari, ekonomiku u politiku, u anke kulturali.

Qatt ma kien eżista sa dakinhar imperu daqshekk

Ġesù Kristu. Għaldaqstant isalva biss min ikun twaħħad u baqa' jżomm sħiħ ma' Kristu.

Hu l-istess messaġġ li l-Apokalissi għandu għall-insara tallum. Aħna ma nistennew l-ebda Bhima għall-ġejjieni, għaliex dejjem se jkun hemm Bhejjem simili! Huma l-qawwiet ekonomiċi, politiċi u kulturali kollha li b'mod jew ieħor jerfgħu rashom kontra l-messaġġ awtentiku nisrani.

Għaldaqstant, biex inkunu nistgħu inżomm qawwija t-tama tagħna, ikollna dejjem bżonn li naqraw u nerġgħu naqraw l-Apokalissi!

*Kitba ta' Halim Nujam OFM*

# Il-Maroniti u l-Franġiskani

## Introduzzjoni

Il-komunità Maronita ssib l-oriġini tagħha fl-abitanti tar-reġjun tat-tramuntana ta' Aleppo fis-Sirja, li emigraw minn pajjiżhom u marru joqogħdu fil-Libanu. San Marone, li minnu ġejja l-kelma "maronita", li miet fis-sena 410, kien jgħix f'monasteru f'post li llum jismu Qalaat Kalutah, u li jinsab viċin Qalaat Sunaan, fejn għad hemm ir-rovini tal-knisja u tal-monasteru ta' San Xmun Stilita, fit-tramuntana ta' Aleppo.

L-irħieb li kienu jgħixu f'dan ir-reġjun kienu famużi għall-ġlieda tagħhom kontra l-monofiżiti. Dawn fi żmien l-imperatur Anastasju (491-518) riedu joqtlu 350 irħieb ta' San Marone. Dawk li baqgħu ħajjin imbagħad għenu lil Ġustinjanu I, suċċessur ta' Anastasju, fil-persekuzzjoni kontra l-monofiżiti. Il-popolazzjoni tar-reġjun kienet titkellem l-aramajk, jiġifieri s-sirjak tal-punent.

Fis-sena 685 il-maroniti għażlu l-Patrijarka tagħhom, forsi minħabba li kien ilhom ma jkollhom kuntatti mal-Patrijarka ta' Antjokja. Il-Kruċjati sabu l-maroniti fil-Libanu u dawn saru kattoliċi fis-sens sħiħ. Illum il-ġurnata l-maroniti jitkellmu l-Għarbi u jinqdew bil-lingwa Aramajka fil-liturġija tagħhom.

## L-ewwel missjoni Franġiskana fost il-popli Maroniti

L-ewwel relazzjonijiet bejn il-Franġiskani u l-poplu Maronita imferrex mal-Libanu u l-kosta tas-Sirja u tal-Feniċja jibdew fl-1246, meta Patri Lorenzo da Orte kien mibgħut hemmhekk bħala legat pontifiċju.

## Lorenzo da Orte

Lorenzo da Orte kien is-suċċessur ta' Domenico d'Aragona bħala legat apostoliku għall-Orjent kollu, mibgħut speċjalment lill-Patrijarka grieg ta' Antjokja, lill-Catholicon ta' l-Armenja u lill-Patrijarka maronita tal-Libanu, permezz ta' ittri li jġibu d-data tas-6 ta' Awissu 1246. Fihom il-Papa Innoċenz IV jiddeskrivi lil Patri Lorenzo "raġel mimli bix-xjenza, bi drawwiet onesti u b'pariri tajbin". Hu jagħtih fakultajiet sħaħ "biex iqaċċat, jeqred, jibni, iħawwel, kif jidhirlu l-aħjar". Il-Papa jiktiblu: "Nibgħatuk bħala anġlu tal-paċi, bħala legat tagħna 'il hemm mill-baħar fl-Armenja, Ikonju, Turkija, Greċja, u fis-saltna ta' Babilonja (Eġittu), bl-awto-



ritá sħiħa mhux biss fuq l-insara kollha ta' dawn is-saltniet, imma wkoll fuq il-Griegi tal-patrijarkati ta' Antjokja, ta' Ġerusalem, u tas-saltna ta' Ċipru, u fuq kollox fuq il-Ġakobiti, il-Maroniti u n-Nestorjani, sabiex skond il-prudenza li jagħtik il-Mulej, inti hemmhekk tħott, tibni u tħawwel. Imbagħad nagħtuk il-fakultà li tieħu taħt il-ħarsien tiegħek, bl-awtorità apostolika li biha inti mogħni, lill-Griegi kollha, hu liema hu isimhom, u li ma tħalli qatt li jiġu mdejjqin



minn xi ħadd bil-vjolenza, u li titlob ħlas minn dawk fost il-Latini li ħaqruhom, filwaqt li tikkmanda lil dawn biex joqogħdu attenti għall-ġejjieni, u li r-ribelli, jekk issibhom, għandek trażżanhom u tikkastigahom permezz ta' ċensuri ekk-leżjastiċi". Patri Lorenzo mar f'dawn il-postijiet kollha, u kullimkien ġiet imfaħħra l-preżenza tiegħu minħabba l-fama ta' prudenza u qdusija li kellu.

Mar ukoll Ċipru, fejn tratta l-kawża ta' l-arċisqof tal-gżira, li kien imkeċċi inġustament mis-sede tiegħu mil-Latini, u rnexxielu jerġa' jqiegħed l-affarijiet f'posthom.

Lejn l-1250 insibu lil Patri Lorenzo fil-qorti papali. Hu ħa sehem fil-konċilju ta' Lyon u segwa lill-Papa fil-vjaġġ tiegħu ta' ritorn lejn Ruma. Lejn l-1255 ġie maħtur isqof ta' Antivari, belt fil-Montenegro.

B'hekk ikkonkluda l-missjoni tiegħu fl-Orjent: kienet missjoni li hu wettaq l-aktar fil-patrijarkati griegi ta' Antjokja u ta' Ġerusalem. Ma għandniex aħbarijiet dwar il-ħidma tiegħu fost il-Maroniti.

### Il-Franġiskani u l-bidla tas-sede patrijarkali maronita

Qabel l-1440 il-Patrijarka maronita ma kellux sede fissa. Din kienet tinbidel kull darba skond il-ħtieġa ta' sigurtà. Kien biss mill-1440 li l-patrijarka Ġwanni (Yuhanna) el-Giagi iffissa s-sede tiegħu fil-knisja tal-Madonna di Qannubin. Kellu sehem f'dan it-tibidil, għalkemm b'mod involontarju, is-superjur Franġiskan ta' Beirut. Dan kien mar Ruma biex jirrappreżenta lill-Patrijarka maronita fil-konċilju ta' Firenze għall-għaqda tal-Knejjes u biex jitlob lill-Papa biex jikkonferma l-patrijarka Ġwanni el-Giagi fis-sede ta' Antjokja tal-Maroniti. Skond ir-rakkont tal-patrijarka Dwaihy u ta' l-istoriku Abi Abdalla Abdalla, il-fatti seħħew b'dan il-mod.

Patri Ġwann, superjur tal-kunvent tal-Franġiskani f'Beirut, u delegat tal-Patrijarka maronita fil-konċilju ta' Firenze, wasal fil-port ta' Tripli fix-xahar ta' Ottubru 1440 bil-kappa, bil-pallju u b'rigali prezzjużi oħrajn għall-Patrijarka maronita. Kien hemm numru kbir ta' Maroniti li niżlu mill-muntanji tal-Libanu biex jilqgħuh bil-ferħ u t-tifħir u jakkumpanjawh fis-sede tal-Patrijarka f'Mayfuq. Sar jaf b'dan il-gvernatur ta' Tripli, li mall-ewwel bagħat lis-suldati tiegħu biex jarrestaw lid-delegat. Hu kien jissuspetta li dan kellu xi ittri għal dawk il-Maroniti li kienu jinsistu li jkollhom relazzjonijiet mal-Punent li hu kien jissuspetta fihom, minkejja l-problemi kollha li kellhom għal dawk ir-reġjuni. Meta l-kapijiet tal-Maroniti raw li s-suldati tal-gvernatur kienu arrestaw id-delegat apostoliku, imtlew b'korla kbira u marru lkoll fil-palazz tal-gvernatur biex jispjegawlu li l-iskop tal-viżta ma kienx wieħed politiku imma biss reliġjuż.

Il-patrijarka el-Giagi, malli waslitlu l-aħbar ta' l-arrest tad-delegat apostoliku, bagħat xi Maroniti magħrufin u xi reliġjużi li kienu lesti li jkunu arrestati biex jeħilsu lil Patri Ġwanni u lil sħabu. Fl-aħħar il-gvernatur iddeċieda li jeħlishom wara li tiħallas somma kbira ta' flus u bil-kundizzjo-

ni li jerġgħu lura fi Tripli, għax l-inkjesta kienet għadha ma intemmitx.

Malli nħelsu l-patri Ġwann u sħabu marru Mayfuq fejn kien hemm il-Patrijarka. Waqt ċelebrazzjoni imponenti, li fiha ħadet sehem il-komunità kollha maronita bil-kapijiet spiritwali u ċivili tagħha, huma libbsu lill-Patrijarka bil-kappa u bil-pallju, bħala konferma papali tal-patrijarka Ġwann el-Giagi, u tawh ir-rigali li kien bagħatlu l-Papa.

Wara dan il-Patrijarka maronita ta ordni lill-patrijiet biex imorru lura fil-kunvent tagħhom ta' Beirut bil-lejl, mingħajr ma jgħaddu għand il-gvernatur ta' Tripli, u hekk espona lilu nnifsu u lill-poplu tiegħu għall-periklu tal-mewt.

Il-gvernatur ta' Tripli, fil-fatt, meta ra li l-patrijiet damu ma waslu, bagħat is-suldati tiegħu f'Mayfuq. Dawn sabu li l-Patrijarka kien diġà telaq minn dan il-post biex imur Qannubin. Dan hu monasteru li jinsab fil-wied qaddis ta' Qadisha, taħt iċ-ċedri famużi tal-Libanu, u hu diffiċli ħafna li wieħed jasal sa ħdejh. Xi awturi jgħidu li kien jintlaħaq biss mill-ajkli. Hu jinsab xi 1250 metri fuq il-livell tal-baħar. Għal xi sekli kien is-sede tal-Patrijarka maronita. Il-franċiż Villamont hekk jiddeskrivi l-monasteru wara li żaru f'Awissu 1589: "Il-post hu magħmul minn dar fqajra bi knisja ta' dimensjonijiet ċkejknin, imħaffra fil-blat. Id-dawl ma jidħolx jekk mhux minn żewġ twieqi biss. Ma' waħda minn dawn it-twieqi hemm imdendlin tliet qniepen li jsejjħu lill-insara għat-talb. Dawn huma l-uniċi qniepen li jeżistu fl-imperu ottoman". Jidher li s-sultan El Dhaher Seyf El Din Barkuk (1382-1398) kien ta dan il-privileġġ, li l-monasteru jkollu l-qniepen u li jkun meħlus mit-taxxi. Il-Franġiskani li kienu jgħixu f'Beirut żaru diversi drabi din is-sede, l-aktar Patri Grifone u sieħbu Francesco di Barcellona (1450-1475). Wara dan, l-ewwel maronita li sar Franġiskan, Patri Gabrijel Ibn el-Qila'i, kien ħa dan il-monasteru bħala bażi għall-apostolat tiegħu fost il-Maroniti (1493-1496). Il-Patrijarka, mela, kien qiegħed taħt il-ħarsien tal-kmandant ta' dak ir-reġjun, ix-Scidiac Yacub, persuna qawwija u influwenti quddiem il-Mamelukki. Allura s-suldati attakkaw lill-popolazzjoni u lill-monaċi, sawwtuhom u qatluhom, ħarqu l-proprjetà tagħhom u qerdu għal kollox il-kunvent tal-Madonna ta' Meyfuq. Ġew maqtulin ukoll ħafna persunaġġi eminenti tal-komunità maronita.

Mall-ewwel, minn dawk ir-reġjuni li fihom kienu joqogħdu l-Maroniti, bdew ġejjin protesti kbar minħabba dik il-moħqrija. Il-Patrijarka, min-naħa tiegħu, ħaseb sewwa biex jibgħat żewġ rappreżentanti tiegħu biex jispjegaw lill-gvernatur dak li kien ġie diskuss fil-Konċilju ta' Firenze; jiġifieri li kienet kwestjoni purament reliġjuża u mhux ta' kruċjata ġdida biex jiġu meħlusin il-Postijiet Qaddisa, kif kienu qalulu. Fuq kollox il-Patrijarka offra lill-gvernatur somma kbira ta' flus biex dan jeħles lill-patrijiet mill-ħabs.

Il-Patrijarka, billi ma ħassux żgur, żamm ruħu moħbi f'għar 'il ġewwa fil-monasteru ta' Qannubin, fejn kien diffiċli ħafna li jilħquh.



## Id-Delegati Pontifiċji bejn l-1440 u l-1449

F'Awissu ta' l-1440 il-Patrijarka maronita sejjaħ għandu wieħed mill-patrijiet Franġiskani, Pietro da Ferrara, u bagħatu għand il-Papa Ewġenju, b'ittra ta' ringrazzjament talli hu għoġbu jikkonfermah; u żgurah mill-ubbidjenza tiegħu u tan-nazzjon kollu lejn is-Sede Apostolika għal dejjem. Hu qallu wkoll dwar dak li kien ġara malli wasal id-delegat fi Tripli u dwar dak li kienu sofrew f'dik iċ-ċirkostanza. Il-Papa wieġeb minn Firenze b'ittra li ġġib id-data tat-12 ta' Diċembru 1441, li fiha jikteb: "Ewġenju, isqof, Qaddej tal-Qaddejja ta' Alla, lill-maħbub ħuna Ġwanni, Patrijarka tal-Maroniti, paċi u barka apostolika. Aħna qrajna dwar

dak li int ktibtilna f'Awissu li għadda permezz ta' l-iben maħbub tagħna, ir-reliġjuż Pietro tal-Patrijiet Minuri. Billi ma nistgħux nuruk kollox permezz ta' din il-kitba, aħna bagħatnilek lill-iben maħbub tagħna Patri Antonio di Troia ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri (jew tar-reliġjużi ta' San Franġisk) u ħtarnieh bħala sieħeb ta' l-iben tagħna Pietro da Ferrara. Huma jispjegawlkom dak kollu li fih temmen il-Knisja Kattolika. Mhux biżżejjed, fil-fatt, li intom tilqgħuhom u li tkunu magħqudin mas-Sede Apostolika, imma jaqbel ukoll li tkunu qawwijin u sħaħ biex tiddefendu l-fidi. Aħna ngħidu dan mhux għaliex għandna dubji dwar il-qawwa tagħkom u tan-nazzjon tagħkom, imma għaliex sirna nafu li intom ilqajtu d-delegati tagħna b'tant ferħ hekk li qajjimtu l-korla ta' l-għedewwa tagħkom kontrikom".

Hekk f'dik id-data l-Papa Ewġenju IV ħatar lill-Franġiskan Antonio di Troia, mill-Provinċja ta' Foggia, "delegat apostoliku għand il-Maroniti u d-Drużi, in-Nestorjani u s-Sirjani bl-istess fakultajiet u poteri li għandu l-Ministru Ġeneral fuq is-sudditi tiegħu, ħlief għal dak li għandu x'jaqsam mal-Postijiet Qaddisa".

Bħala delegat pontifiċju Patri Antonio għamel diversi żjarat apostoliċi fost il-popolazzjonijiet tal-Lvant Nofsani, u partikolarment fil-Libanu.

Fl-1441 mar Ruma d-delegat apostoliku Patri Antonio, akkumpanjat minn delegazzjoni ta' Maroniti u Drużi. Fil-belt qaddisa ġew onorati mil-laqgħa mal-Papa Ewġenju IV (1431-1447). Bħala riżultat ta' dik iż-żjara, il-Papa ħatar lill-Franġiskan Patri Pietro da Ferrara superjur tal-kunvent ta' Beirut u delegat apostoliku għand il-Maroniti.

F'dik l-epoka l-Libaniżi, minkejja li kienu mirbuħa u kienu nħbew fil-muntanji tagħhom, iżolati mill-Ewropa u mill-Punent, baqgħu iżommu għall-ħbieb tagħhom tifkira li lanqas il-ħafna snin ta' separazzjoni ma rnexxielhom iħassru…



Kienu japprofittaw mill-okkażjonijiet kollha biex iġeddu l-ftehim u l-kuntatti mal-Punent.

Forsi xi ħadd jistagħġeb meta jara li kien hemm Drużi fost dawk li kienu jagħmlu parti mid-delegazzjoni tal-Maroniti li marret Ruma, għax forsi imdorri jqis lid-Drużi għedewwa mill-agħar tal-Maroniti u ta' l-insara, minħabba d-dmija li xerrdu fl-1860. Imma ma kienx hekk fi tmiem il-Medjuevu, meta l-Maroniti u d-Drużi kienu jgħixu flimkien f'kollaborazzjoni eżemplari, u kellhom relazzjonijiet ta' simpatija reċiproka bejniethom bħala popli.

Fis-sena 1447 is-Sede Apostolika ħatret lir-rappreżentant tagħha għall-Maroniti, Patri Gandolfo minn Sqallija, Gwardjan tal-Monte Sijon (Ċenaklu), kif jurina wkoll l-isqof Butros Dib. Meta mar għand il-Maroniti, il-kummissarju ġdid ħa fost sħabu lil Patri Grifone. Dan ta' l-aħħar ġie mall-ewwel magħqud mal-missjoni tal-Muntanji tal-Libanu u ma damx ma sar hu stess id-delegat tas-Santa Sede għand il-Maroniti (fl-1450), u kellu bħala sieħbu u kollaboratur tiegħu lil Fra Franġisk ta' Barċellona.

## Konklużjoni

Kif rajna, s-Santa Sede kienet titħabat biex toħloq rabta stabbli bejn il-Knisja Maronita u dik Kattolika Rumana, u kienet tafda din il-ħidma għal sekli sħaħ f'idejn l-Ordni Franġiskan. Mons. Butros Dib, li kien isqof maronita tal-Kajr fil-bidu tas-seklu XIX jikteb: "Il-Papiet organizzaw pjan ta' konkwista apostolika, li fiha l-missjonijiet kellhom post minn ta' quddiemnett […] Il-Maroniti ma kienux minsija f'dan il-proġett. Kienu Kattoliċi, iva, imma kienu mdawwrin minn kullimkien minn nies mhumiex insara jew minn nies non-kattoliċi, u tassew kellhom bżonn ta' għajnuna biex ma jiġux fix-xejn. Ir-reliġjużi ta' l-Ordni Serafiku urew lilhom infushom kapaċi li jwettqu din il-missjoni. Huma kienu jżuruhom, kienu jassistuhom fil-ġlied tagħhom għad-difiża tar-reliġjon, u kienu jaħdmu bħala intermedjarji bejniethom u l-Kap tal-Knisja.



# Il-Kelma t'Alla Għalina llum

***ĦDUD TA' SETTEMBRU - OTTUBRU (Sena A)***

*Il-liturġija tal-Kelma u t-tifsir tagħha*

*Jikteb P. Marcello Ghirlando ofm*

It-tlieta w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Nikkoreġu 'l xulxin

**Qari I:** *Jekk ma twiddibx lill-midneb, demmu minn idejk infittxu (Eżek 33,7-9)*

Il-Bibbja dejjem tinsisti li Alla jrid isalva lill-bnedmin flimkien. Is-sens ta' komunità li magħha Alla jagħmel patt ta' fedeltà kien il-pedament tar-reliġjon Lhudija. Hu għalhekk li l-korrezzjoni ta' l-aħwa li jiżbaljaw hi dmir importanti. Il-profeta Eżekjel iħossu msejjaħ biex jikkoreġi lil ħutu bil-qawwa tal-Kelma ta' Alla li tfejjaq. Din hi responsabiltà serja li turi li s-salvazzjoni mhijiex impenn individwalistiku, imma komunitarju.

**Qari II:** *L-imħabba hija l-milja tal-liġi (Rum 13,8-10)*

Lir-Rumani San Pawl jurihom il-qofol tal-kmandamenti ta' Alla fil-ħajja tan-nisrani, jiġifieri l-imħabba ta' l-aħwa. Min iħobb tassew ikun ħares il-Liġi ta' Alla fil-milja tagħha. "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek". Dan hu l-kmandament li jwasslek għall-perfezzjoni ta' l-imħabba, flimkien mal-kmandament ta' l-imħabba lejn Alla. Il-kelma ta' Kristu li tilqa' f'ħajtek tgħinek biex tasal għal din il-perfezzjoni ta' l-imħabba.

**Vanġelu:** *Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt 'il ħuk (Mt 18,15-20)*

Ġesù juri l-bżonn tal-korrezzjoni fraterna fi ħdan il-komunità tal-Knisja. Il-korrezzjoni m'għandhiex l-iskop li tumilja lil min jiżbalja, imma li tgħinu jintrefa' mill-iżball tiegħu. Hu biss meta jkun hemm ċaħda sħiħa ta' kull sforz ta' korrezzjoni li l-komunità tista' teskludi lil min ikun żbalja. Din is-setgħa ġiet mogħtija minn Kristu lill-appostli, bħala mexxejja tal-Knisja, li jorbtu u jħollu. Il-Mulej juri wkoll il-qawwa tat-talb meta jsir fi spirtu ta' mħabba bejn l-aħwa. Kull meta nitolbu flimkien f'isem Kristu, Hu dejjem ikun preżenti fostna u t-talb tagħna jkollu qawwa akbar.



Ritratti fil-kolonni ta' din it-taqsima: fdalijiet tal-belt ta' Ċesarija Marittima



L-erbgħa w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Naħfru dejjem...

**Qari I:** *Aħfer lil għajrek id-deni, u meta inti titlob dnubietek jinħafrulek (Sir 27,33-28,9)*

Il-Ktieb ta' Bin Sirak jagħti pariri tajbin biex wieħed jgħix fil-paċi fi ħdan il-komunità. F'din is-silta juri s-sbuħija tal-maħfra. "Aħfer lil għajrek id-deni, u meta inti titlob dnubietek jinħafrulek". Huma kelmiet li diġà jħabbru dak li l-Mulej jgħallimna fit-talba tiegħu: "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina". Fuq kollox Bin Sirak jagħti parir għaqli li wieħed jiftakar fil-jum tal-mewt, biex hekk ma jobgħodx, għax ma jistax ikun li wieħed isalva





jekk il-mewt issibu jobgħod lil ħuh. Jekk irridu nsibu ħniena mingħand Alla irridu nkunu aħna l-ewwel li nuruha lil ħutna.

**Qari II:** *Sew jekk ngħixu, sew jekk immutu, aħna tal-Mulej (Rum 14,7-9)*

Il-ħajja tan-nisrani jkollha sens biss jekk hu jgħix magħqud ma' Kristu. San Pawl kien jaf li għalih il-mewt u l-ħajja ma kienu jiswew xejn jekk ma jgħaqqduhx ma' Kristu. Hekk in-nisrani ma jibqax aktar marbut mal-ħajja u jibża' mill-mewt, għax jaf li dak li jgħaddi minn għalih hu biss strument li jgħaqqdu f'intimità akbar ma' Kristu l-Mulej, li hu s-sid tal-ħajjin u tal-mejtin.

**Vanġelu:** *Ma ngħidlekx taħfer sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba (Mt 18,21-35)*

Il-mistoqsija ta' Pietru dwar il-maħfra titlob limitu ta' kemm wieħed jista' jaħfer, imma Kristu jurih li l-maħfra ma għandhiex limiti. Jekk trid tkun ta' Kristu trid taħfer dejjem. Bħala eżempju ta' kif in-nisrani jaħfer il-Mulej jir-rakkonta l-parabbola tal-qaddej li jiġi maħfur minn dejn kbir li kellu mas-sid tiegħu, imma li mbagħad ma jkunx irid jaħfer lill-qaddej sieħbu minn dejn ċkejken li dan kellu miegħu. Is-sid jinkorla għalih u jikkastigah bl-aħrax talli ma uriex ħniena ma' sieħbu. Fi ħdan il-komunità tad-dixxipli l-maħfra hi sinjal ta' fedeltà lejn il-Mulej li jaħfer dejjem. Il-parabbola wkoll hi kummentarju sabiħ tat-talba tal-Mulej: "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina".

Il-ħamsa w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Tjieba ta' Alla

**Qari I:** *Fehmieti mhumiex fehmietkom (Is 55,6-9)*

Isaija juri kif Alla jagħtina ż-żmien preżenti biex induru lejh u nikkonvertu. Juri kemm Alla hu ħanin u qrib lejn kull min isejjaħlu. Din l-istedina għall-penitenza u l-konverżjoni lejn Alla titlob bidla mill-qiegħnett li tespri-mi ruħha filli wieħed jintelaq f'Alla mingħajr kundizzjo-nijiet. Il-pjanijiet ta' Alla huma misterjużi, imma fl-istess ħin mimlija ħniena u ġid għal dawk li jibżgħu minnu. Jekk tafda f'Alla aktar milli fil-pjanijiet ta' moħħok, Hu jagħraf jaħfirlek u jagħtik il-paċi f'qalbek.

**Qari II:** *Għalija l-ħajja hi Kristu (Fil 1,20c-24.27a)*

Lill-Filippin San Pawl jurihom li Kristu hu ċ-ċentru ta' ħajtu, hekk li xejn ma hu importanti daqs l-għaqda intima mal-Mulej. L-appostlu hu konvint li kollox hu relattiv quddiem Kristu li għandu jidher fil-ġisem tiegħu. Mhux impor-tanti kemm jgħix u kemm jaħdem. L-importanti hu li jkun magħqud ma' Kristu li jagħti sens lil kull eżistenza. Għalina li nippreokkupaw tant ruħna fuq ħajjitna, l-appostlu qed jgħallimna li l-importanti mhijiex il-kwantità ta' jiem ħajjitna, daqskemm il-kwalità ta' ħajja li

ngħixuha f'għaqda ta' mħabba ma' Kristu meta nġibu ruħna kif jixraq lill-Evanġelju tiegħu.

**Vanġelu:** *Qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba? (Mt 20,1-16a)*

Ġesù juri li l-pjan ta' salvazzjoni ta' Alla hu mimli providenza lejn il-bnedmin bla ebda distinzjoni. Il-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli turi kif Alla ma nistgħux norbtuh bil-kriterji tal-ġustizzja tagħna. Alla kapaċi jsalva lil dawk li jiġu l-aħħar kif jagħmel ma' dawk li jiġu l-ewwel. Il-poplu Lhudi kien jaħseb li kien privileġġjat għax irċieva s-sejħa tas-salvazzjoni qabel kulħadd, imma Ġesù juri kif Alla jaqleb ta' taħt fuq din il-konvinzjoni. Alla hu sid li ma jonqos lil ħadd, li jagħti lil kull wieħed dak li ħaqqu, u li l-ħniena tiegħu hi bla tarf, hekk li ħadd ma jista' jiġġudika l-providenza tiegħu.





Is-sitta w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Niddeċiedu...

**Qari I:** : *Jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub, isalva ruħu (Eżek 18,25-28)*

Il-profeta Eżekjel juri l-kruha tad-dnub tal-poplu Lhudi li ried jiġġudika l-aġir ta' Alla, għax kien jemmen li d-dnub individwali kellu effetti negattivi fuq il-ħtija kollettiva tal-komunità, u li Alla kellu jikkastiga lil kulħadd minħabba d-dnub ta' wieħed. Il-profeta jisħaq fuq ir-responsabiltà individwali tad-dnub, u juri li Alla juri ħniena ma' kull min jindem kif jikkastiga lil min iwebbes rasu, mingħajr ma jiġi ikkundizzjonat minn responsabiltà kollettiva. Li hu ċert hu li Alla jrid isalva lill-midneb u mhux jikkastigah, jekk li min jerġa' lura mid-dnub u jikkonverti lejn Alla isalva.

**Qari II:** *Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù (Fil 2,1-11)*

Fl-Ittra lill-Filippin San Pawl jagħtina wieħed mill-isbaħ innijiet lil Kristu ta' l-ewwel komunità nisranija. Dawk li jimxu fl-Ispirtu li jġib l-għaqda u l-imħabba, dawk li jfittxu l-interessi ta' l-aħwa u mhux tagħhom infushom, dawk huma li jilbsu s-sentimenti ta' Kristu. L-innu juri l-umiljazzjoni profonda ta' Kristu, li jsir bniedem u jobdi sal-mewt tas-salib, biex imbagħad ikun igglorifikat mill-Missier quddiem il-ħolqien kollu. L-innu hu stqarrija ta' fidi mill-aktar qawwija fi Kristu, veru Alla u veru bniedem, rebbieħ fuq id-diżubbidjenza tax-xitan bl-ubbidjenza tiegħu fl-offerta ta' ġismu fuq is-salib. Din hi t-triq ta' l-umiltà li għażel l-Iben ta' Alla. Min irid jimxi warajh irid jaħseb kif kien jaħseb Hu.

**Vanġelu:** *Il-pubblikani jaslu qabilkom fis-Saltna ta' Alla (Mt 21,28-32)*

Ġesù jgħallem li Alla jħares lejn il-qalb tal-bniedem. Permezz tal-parabbola taż-żewġ ulied juri kif il-ġustizzja u l-qdusija mhumiex frott ta'





wegħdiet fiergħa li aħna kapaċi nagħmlu, imma pjuttost ta' impenn sinċier biex naqdu lir-rieda ta' Alla. Hekk, dawk li tassew jobdu lil Alla jistgħu jkunu wkoll pubblikani u prostituti li jikkonvertu, u li Ġesù jsemmihom biex juri li quddiem Alla dawn in-nies huma aħjar minn dawk li jaħsbu li huma ġusti, imma mbagħad ma jwettqux ir-rieda tiegħu. Alla ma jiġġudikaniex fuq kemm niżbaljaw, imma fuq kemm inkunu lesti li nerġgħu lura lejh b'qalb niedma u nagħmlu r-rieda tiegħu.

Is-sebgħa w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Il-għalqa tad-dwieli

**Qari I:** *Il-għalqa tal-Mulej ta' l-eżerċti hija d-dar ta' Israel (Is 5,1-7)*

Fl-Iskrittura ta' spiss insibu x-xbieha tad-dielja. L-għalqa tad-dwieli, sinjal ta' barka u ferħ, hi simbolu tal-poplu Lhudi, li Alla jagħżlu mill-popli l-oħrajn biex jagħmlu l-poplu maħtur tiegħu. Din it-tixbiha ta' Isaija turi kif Alla ħa ħsieb il-poplu tiegħu u ipproteġih, imma kif dan il-poplu kien ingrat lejn Alla li tant ħabbu, u li għalhekk Alla jitilqu għall-qerda. Din hi l-istorja tal-poplu Lhudi tat-Testment il-Qadim, li Alla tant imlieh bil-barka imma li tant kien ingrat għall-benefiċċji li Alla jagħmel miegħu. Poplu li spiss kien isakkar qalbu quddiem l-imħabba t'Alla!

**Qari II:** *Alla tas-sliem ikun magħkom (Fil 4,6-9)*

San Pawl jagħmel kuraġġ lill-Filippin biex jibqgħu magħqudin ma' Kristu u ma' Alla l-Missier fit-talb u fir-rikonoxxenza. B'hekk huma ma jkun jonqoshom xejn. In-nisrani li jara kollox fid-dawl ta' Alla, jgħix fil-qdusija, fis-safa, fl-imħabba. Ir-rigal li Alla jagħti lil min ikun grat lejh hu dak tas-sliem, li hu l-garanzija ta' l-għaqda tal-moħħ u tal-qalb ma' Kristu.

**Vanġelu:** *Il-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra (Mt 21,33-43)*

Fid-dawl tal-Qari minn Isaija Ġesù jirrakkonta parabbola dwar l-għalqa tad-dwieli li s-sid jafdaha f'idejn il-bdiewa, li jkunu ingrati lejh, jaħtfu f'idejhom il-proprjetà tiegħu u saħansitra joqtlu l-qaddejja u lil iben il-waħdieni tas-sid ta' l-għalqa. Ir-riferiment għall-profeti u għall-persuna ta' Ġesù, li l-Lhud jiċħduh, hu ċar ħafna. Hekk Alla jafda l-għalqa tiegħu f'idejn bdiewa oħrajn, li huma l-poplu l-ġdid tiegħu, il-Knisja. Aħna issa sirna l-werrieta ta' l-għalqa tad-dwieli ta' Alla, bil-fidwa li Kristu tana. Aħna sirna l-poplu ġdid ta' Israel. Imma anke aħna rridu noqogħdu attenti li ma mmorrux naqgħu fl-istess żball tal-poplu Lhudi, u nkunu ingrati lejn Alla li tant għamel ġid magħna.

It-tmienja w għoxrin Ħadd matul is-sena

# L-ikla tat-tieġ

**Qari I:** *Jagħmel il-Mulej mejda b'ikel fin, u joxxotta d-dmugħ minn fuq kull wiċċ (Is 25,6-10a)*

Xbieha oħra ta' l-imħabba u l-barka mimlija ferħ li Alla jagħti lill-poplu tiegħu hi dik ta' l-ikla tat-tieġ. Alla jidħol f'għerusija ta' mħabba mal-poplu Lhudi. Isaija juri kif Alla jrid ifarraġ lill-poplu tiegħu, jixxottalu d-dmugħ tan-niket u jħejjilu festa tat-tieġ fuq il-għolja ta' Sijon, fejn il-poplu Lhudi kellu t-tempju. Fejn Alla jagħti l-barka tgħib il-mewt, li hi frott tad-dnub, u l-bnedmin isibu sens ġdid għal ħajjithom. Li tagħraf kemm Alla jħobbok f'ħajtek tagħtik garanzija ta' ferħ u paċi interjuri.

**Qari II:** *Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' Dak li jqawwini (Fil 4,12-14.19-20)*

San Pawl juri lill-Filippin kif hu kien lest għal kollox biex jaqdi l-apostolat li għalih sejjaħlu Kristu. Kien jgħix fi spirtu ta' rikonoxxenza lejn dak kollu li Alla kien jipprovdilu permezz tal-komunità nisranija. Dan is-sens ta' solidarjetà fil-Knisja hu sinjal ta' mħabba ġenwina. Li taqsam ġidek ma' l-aħwa u tkun rikonoxxenti lejn min jamministralek il-Kelma u s-Sagramenti, juri li inti tibni l-Knisja b'sens ta' solidarjetà.

**Vanġelu:** *Sejħu għall-festa 'l kull min issibu (Mt 22,1-14)*

Is-silta tal-Vanġelu tinbena fuq l-istess stil tal-Ħadd li għadda. Is-sultan iħejji l-festa tat-tieġ ta' ibnu, u għaliha jistieden lill-poplu tiegħu. Imma dan juri li hu ingrat, għax joqtol lil dawk li s-sultan bagħat biex jistiednuh, u għalhekk is-sultan jiddeċiedi li jeskludi l-mistednin mill-festa u jistieden lil kull min isib. It-tifsira tal-parabbola hi ċara. Il-poplu Lhudi ċaħad l-istedina ta' Alla biex jieħu sehem fil-festa tat-tieġ ta' Ibnu Ġesù. Għal din il-festa issa hu mistieden kull min irid jidħol fil-poplu l-ġdid ta' Alla li hu l-Knisja. Ħadd ma hu eskluż, imma biex tidħol għal din il-festa trid tkun liebes il-libsa tat-tieġ, jiġifieri trid tkun imħejji bil-fidi u bil-karità lejn Kristu u lejn ħutek. Din hi l-liġi l-ġdida ta' l-imħabba merfugħa għal dawk li huma msejħin. Henjin aħna, membri tal-Knisja, aħna ġejna mistednin biex nieħdu sehem mill-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf.





Id-disgħa w għoxrin Ħadd matul is-sena

# Nisrani u ċittadin

**Qari I:** *Jien wettaqt id Ċiru, biex imidd ma' l-art il-ġnus quddiemu (Is 45,1.4-6)*

Il-profeta Isaija jitkellem dwar fatt storiku li seħħ fis-sena 538QK, meta Ċiru, sultan tal-Persja, rebaħ lis-saltna ta' Babel fejn kien fil-jasar il-poplu Lhudi, u ta l-libertà lill-popli kollha li kienu skjavi, inklużi l-Lhud, biex imorru lura





lejn arthom. Alla kapaċi jinqeda bil-mexxejja politiċi biex iwettaq il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni. Ċiru jsir strument f'idejn Alla biex jerġa' jqajjem mill-ġdid lill-poplu tiegħu. B'hekk Alla juri li hu l-veru mexxej, u li jaħkem fuq il-ġnus u l-popli.

**Qari II:** *Niftakru fil-fidi u l-imħabba u t-tama tagħkom (1 Tess 1,1-5b)*

San Pawl isellem lit-Tessalonkin u juri sens ta' rikonoxxenza lejn Alla fit-talb, għax f'din il-komunità nisranija kien qiegħed jara eżempju ta' fidi imsieħba mill-għemil it-tajjeb, u ta' imħabba ġenwina li ma tibżax mis-sagrifiċċju. Għandna dehra sabiħa ta' kif għandha tkun il-Knisja. L-appostlu jfakkar ukoll lill-insara li huma għandhom sejħa ġejja minn Alla, li seħħet fihom bil-qawwa tal-predikazzjoni ta' l-appostli. Jekk aħna wkoll ninfetħu għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u għall-kelma ta' Kristu li tidwi fil-komunità tal-Knisja, aħna napprezzaw aħjar id-dinjità tas-sejħa li rċevejna fil-jum tal-magħmudija tagħna.

**Vanġelu:** *Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla (Mt 22,15-21)*

Ġesù jsib ruħu fiċ-ċentru ta' kontroversja ċivili, bl-iskop li l-għedewwa tiegħu jonsbuh u jakkużawh ta' tradiment jew lejn ir-reliġjon Lhudija jew lejn l-imperu ruman. Ġesù joħroġ minn nasba b'mod intelliġenti. Hu juri li s-saltna ta' Alla hi tassew suprema fuq kull ħakma tal-bnedmin, imma fl-istess ħin li l-awtorità ċivili, anke jekk mhux dejjem ibbażata fuq kriterji ta' ġustizzja, trid tkun rispettata għar-rwol tagħha. In-nisrani hu l-bniedem li jaħdem għas-saltna tas-smewwiet, imma li ma jinsiex ikun ta' eżempju fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu ċivili għall-bini ta' soċjetà aħjar fuq din l-art.

## It-tletin Ħadd matul is-Sena

# Imħabba

**Qari I:** *Jekk taħqru l-armla u l-iltim, il-qilla tiegħi tixgħel għalikom (Eż 22,20-26)*

Is-silta mill-Eżodu tagħmel parti mill-"Ktieb tal-Patt" li jsegwi l-lista tal-kmandamenti. Il-Liġi ta' Alla tat-Testment il-Qadim tagħti importanza lill-għemejjel ta' ħniena u mħabba lejn il-proxxmu, u l-aktar lejn dawk li ma għandhomx min jiddefendihom, simboleġġjati mill-barrani, l-iltim u l-armla. Alla jiddefendi lill-foqra fi ħdan il-poplu tiegħu u ma jaħmilx lil min jagħmlilhom ħsara jew jaħqarhom. Alla dejjem juri ruħu bħala difensur ta' dawk li huma ċkejknin. L-għażla preferenzjali għall-foqra hi biblika mill-qiegħnett.

**Qari II:** *Intom dortu lejn Alla mill-idoli, biex taqdu 'l Alla u tistennew lil Ibnu (1 Tess 1,5c-10)*

San Pawl ifaħħar lit-Tessalonkin għall-ġesti ta' mħabba u rikonoxxenza li

urew lejh u lejn il-kollaboraturi tiegħu. Fuq kollox jirringrazzja lil Alla minħabba fihom għax huma ħallew l-idoli biex jaqdu lil Alla veru, u hekk saru eżempju għall-insara kollha li kienu jgħixu fil-Greċja għax minn fosthom dwiet il-kelma ta' salvazzjoni. Anke llum aħna l-insara għandna bżonn ninfatmu mill-idoli ta' żmienna, biex induru lejn Alla u nsiru xhieda ta' fedeltà lejn Kristu u l-Vanġelu tiegħu.

**Vanġelu:** *Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u lil għajrek bħalek innifsek (Mt 22,34-40)*

Għall-mistoqsija ta' l-imgħallem tal-Liġi dwar liema hu l-akbar kmandament Ġesù jwieġeb billi jikkwota l-formula tal-fidi f'Alla tal-Lhud fil-Ktieb tad-Dewteronomju 6,5, imma jżid mal-kmandament ta' l-imħabba lejn Alla s-silta tal-Levitiku 19,18, li titkellem dwar l-imħabba lejn il-proxxmu. Hekk Ġesù jgħaqqad flimkien żewġ kmandamenti u fuqhom jibni l-qofol tal-ħajja tad-dixxipli tiegħu. Kull liġi jew preċett ieħor, tajjeb kemm hu tajjeb, ma jkollux sens jekk ma jinbeniex fuq dawn iż-żewġ kmandamenti, li huma l-bażi tal-ħajja tan-nisrani.

**Nota:**
*b'din il-ħarġa nkunu għalaqna iċ-ċiklu ta' omeliji għat-tliet snin taċ-ċiklu liturġiku. Mill-ħarġa li jmiss din ir-rubrika ma tibqax tixxandar.*





*Kitba ta' Ġwann Abela ofm*

# Il-figura ta' Melkisedek

### Fil-kitbiet ta' Qumran

Il-figura ta' Melkisedek, għalkemm jissemma biss darbtejn b'mod marġinali fl-Antik Testment (Ġen 14,18-20; Salm 109[110],4) welldet tradizzjoni għammiela kemm fl-ambjent Lhudi kif ukoll f'dak nisrani aktar tard. Tappa importanti fl-iżvilupp ta' din it-tradizzjoni nsibuha fil-kitbiet ta' Qumran. Tnejn huma fil-fatt id-dokumenti minn dan l-ambjent li jitkellmu b'mod espliċitu dwar Melkisedek. Wieħed huwa 'l hekk imsejjaħ "Apokrifu tal-Ġenesi" (*1Q Ġen. Ap.*) u framment ieħor misjub fl-għar numru 11 fl-1956 imma ppublikat fl-1965. Dan il-framment ġie mmarkat bis-sigla *11Q Melchisedek* peress li l-persunaġġ prinċipali u protagonista f'din il-ktiba jidher li kien Melkisedek.

Is-silta ta' 1Q Ġen.Ap. (XXII,13-17) li tirreferi għal Melkisedek tiġbor fi ftit kliem ir-rakkont tal-Ġenesi nnifsu (14,18-20) u għalkemm iddaħħal xi varjazzjonijiet tibqa' fuq l-istess linji tat-tradizzjoni biblika.

Is-silta l-oħra (*11Q Melchisedek)* tippreżenta l-figura ta' Melkisedek f'dawl radikalment ġdid. Din il-ktiba hija "pesher" (kumment u interpretazzjoni b'attwalizzazzjoni ta' passi bibliċi marbut ma' suġġett tejoloġiku). F'dan id-dawl il-kitba tiġbor u tinterpreta, fid-dawl tal-istennija ta' l-aħħar taż-żmien li fih kienet temmen il-komunità ta' Qumran, id-diversi passi tal-Antik Testment marbuta mas-sena tal-Ġublew, mal-Jum tal-Espjazzjoni (Jom Kippur) u l-jum tal-ġudizzju. Melkisedek huwa ppreżentat bħala figura tas-sema li fil-kuntest eskatoloġiku tal-għaxar u l-aħħar ġublew tal-istorja, huwa msejjaħ biex jaqdi funzjoni mportanti. Fil-fatt huwa dak li jintervjeni fit-taqbida tal-aħħar maġenb ulied id-Dawl biex jingħeleb darba għal dejjem, Belial, il-prinċep tal-Ħażen u s-segwaċi tiegħu u jinawgura iż-żmien tal-paċi u salvazzjoni.

Din il-funzjoni ta' gwerrier eskatoloġiku u salvatur mibgħut mis-sema attribwita lil Melkisedek ma tiġix mill-passi tal-Antik Testment li jitkellmu dwaru imma hija interpretazzjoni għal kollox ġdida li aktar tard issib post ukoll f'xi ambjenti nsara, l-aktar fost gruppi żgħar u xi setet. Biżżejjed insemmu lis-segwaċi ta' Teodotu l-Bankier (attiv f'Ruma fi żmien il-pontifikat tal-Papa Zefirinu - 198-217 wK) li kienu jikkonsidraw lil



*Wieħed mill-għerien ta' Qumran*



Mużajk fil-knsja tat-Tkattir tal-Ħobż f'Tabga

Melkisedek bħala qawwa ċelesti aqwa minn Kristu nnifsu.

### Fl-ittra lill-Lhud

Daqstant ieħor oriġinali u li influwenzat it-tradizzjoni suċċessiva nisranija hija l-interpretazzjoni tal-figura ta' Melkisedek kif ippreżentata fl-ittra lill-Lhud. L-argument prinċipali ta' din l-ittra huwa s-Saċerdozju ta' Kristu u tal-valur salvifiku tiegħu. Huwa proprju f'dan il-kuntest li jiġi żviluppat f'mod estiż id-diskors dwar Melkisedek.

Il-punt tat-tluq huwa mogħti mill-kliem tas-salm 109 [110],4 li fil-kapiltu 5 vers 6 l-oraklu huwa ppreżentat bħala prova mill-iskrittura tal-investitura saċerdotali ta' Ġesù. F'dan il-kuntest l-ewwel vers ta' l-istess salm huwa ikkwotat fl-ewwel kapitlu vers 13 tal-istess ittra bħala prova tal-intronizzazzjoni regali Ġesù u l-qagħda tiegħu fuq il-lemin tal-Missier. Is-saċerdozju li bih huwa mlibbes Ġesù mill-oraklu tas-salm huwa saċerdozju partikulari. Huwa saċerdozju "..skond l-ordni ta' Melkisedek". Biex jispjega dan is-saċerdozju l-kittieb jiddedika l-kapitlu 7 tal-ittra tiegħu.

Fi stil kważi eżeġetiku li jfakkrek fil-"*midraxim*" (kummenti) lhud l-kittieb jibda jippreżenta l-persuna ta' Melkisedek fid-dawl tal-informazzjoni li nsibu fil-pass bibliku tal-ktieb tal-Ġenesi (14,18-20) li jiġi moqri fid-dawl tal-oraklu tas-salm 109. Din l-eżegesi midraxika toffri l-ispunt sabiex jiġi stabilit paralleliżmu bejn Melkisedek u Ġesù imma l-aktar bejn is-saċerdozju tagħhom.

L-isem u t-titlu regali ta' Melkisedek, intepretati b'mod allegoriku ("sultan tal-ġustizzja" u "sultan tas-sliem" - 7,1-2) jipprefiguraw il-ġid messjaniku (bħala eżempju wieħed jista' jara Iż 9,5; Ġer 23,5; 33,15; Mik 5,4; Żak 9,9; Mal 3,20). Melkisedek huwa saċerdot u sultan fl-istess ħin hekk kif Ġesù jiġbor fil-persuna tiegħu l-prerogattivi tal-Messija-sultan u Messija-saċerdot. Is-saċerdozju ta' Melkisedk huwa etern (Melkisedek fil-fatt jitfaċċa f'Ġen 14,18 għall-għarrieda u jerġa jgħib mingħajr ma jħalli traċċi warajh). Skond prinċipju tipiku tal-eżeġeżi rabbinika dak li mhux miktub fit-Torah ma jeżistix u għaldaqstant jekk il-Bibbja ma ssemmi xejn dwar il-mewt ta' Melkisedek dan għaliex il-ħajja tiegħu hija bla tmiem. Hekk ukoll Ġesù li skond l-ittra lill-Lhud huwa saċerdot "għal dejjem" skond l-ordni ta' Melkisedek.

Fl-aħħar is-saċerdozju ta' Melkisedek, bħal dak ta' Ġesù ma huwa bl-ebda mod marbut mas-saċerdozju tal-Leviti li huwa bbażat fuq linja ġenejaloġika preċiża (dik ta' Aron). Melkisedek fil-fatt huwa "..mingħajr missier, mingħajr omm u mingħajr ġenejaloġija" (7,3). Għalkemm Ġesù għandu ġenejaloġija imma din mhix dik ta' Levi imma tat-tribù ta' Ġuda ("Huwa magħruf fil-fatt li l-Mulej tagħna nibet minn Ġuda u Mosè ma jgħid xejn dwar din it-tribù rigward is-saċerdozju" 7,14). Għaldaqstant is-saċerdozju tiegħu huwa radikalment differenti mis-saċerdozju levitiku.

Imma dan is-saċerdozju "skond l-Ordni ta' Melkisedek" li bih huwa mlibbes Ġesù mhux biss huwa differenti mis-saċerdozju levitiku imma huwa wkoll *aqwa* minnu. Mill-ġdid huwa r-rakkont ta' Ġen 14,18-20 li joffri lill-kittieb l-ispunt biex juri din il-verità. Abraham, il-missier tal-poplu magħżul, qagħad għal

Melkisedek, ħallaslu d-deċmi u rċieva mingħandu l-barka. Hija ħaġa minn ewl id-dinja li min hu inferjuri jirċievi l-barka minn min hu għola minnu u mhux bil-maqlub.

Jekk Melkisedek huwa aqwa minn Abraham, huwa wkoll u bir-raġun, aqwa minn Levi, li kien għadu lanqas tnissel meta Abraham iltaqa' ma' Melkisedek (7,10). Is-saċerdozju ta' Melkisedek għaldqastant huwa aqwa minn dak levitiku. Argumenti oħrajn huma meħuda mis-salm 109 [110],4. Is-saċerdozju skond Melkisedek li bih huwa mlibbes Ġesù huwa msejjes fuq ħalfa jew aħjar fuq impenn solenni minn naħa ta' Alla nnifsu. Din il-prerogattiva hija għal kollox nieqsa fis-saċerdozju levitiku. Is-saċerdozju ta' Ġesù huwa wkoll saċerdozju "għal dejjem" filwaqt li dak levitiku jinsab taħt il-mannara mdendla tal-mewt li ġġiegħel lis-saċerdoti tat-tempju għal atti infiniti ta' medjazzjoni imma li ma jwasslu qatt għas-salvazzjoni sħiħa (7,23-24).

It-twaqqif ta' dan is-saċerdozju "differenti" minn dak levitiku u fl-istess ħin "aqwa" minnu, ipprefigurat fis-saċerdozju ta' Melkisedek, iġib konsegwenzi gravi ħafna għas-sistema dottrinali tal-ġudajiżmu. Qabel kollox juri l-assoluta impotenza u insuffiċjenza tas-saċerdozju levitiku u jimplika wkoll it-tneħħija u t-tmiem tiegħu (Lh 7,11). Mhux biss imma peress li hemm rabta qawwija bejn is-saċerdozju u l-Liġi, anke din tiġi mplikata fil-falliment tas-saċerdozju levitiku hekk li din tiġi mneħħija (ara 7,12.18-19). Ma nistgħux ma narawx f'dan il-kuntest il-qawwa rivoluzzjonarja ta' dawn il-konklużjonijiet. Dawn kienu jimplikaw it-tmiem ta' żewġ istituzzjonijiet fundamentali, iż-żewġ ġebliet tax-xewka tal-ġudajiżmu: is-saċerdozju u l-Liġi. U dawn il-konsegwenzi daqstant gravi ħarġu minn "midrax" (kumment) dwar xi versetti tal-Antik Testment. Dan il-persunaġġ "misterjuż" u donnu insinifikanti għandu l-qawwa jheżżeż l-istess sisien tal-ġudajiżmu.

L-awtur tal-ittra lill-Lhud fehem sewwa dan kollu u l-kittieba nsara tat-tieni seklu jieħdu dawn l-aspetti fl-argumentazzjonijiet tagħhom fil-polemika kontra l-lhud.



*L-Artal tas-sagrifiċċju f'Birsaba*

*Kitba ta' Twanny Chircop ofm*

# l-Art Imqaddsa għalina nsara...



L-Art Imqaddsa hi medda żgħira ta' art bejn ix-xatt tal-lvant tal-Baħar Mediterran u l-wied tax-xmara Gordan u l-Baħar il-Mejjet. F'din il-medda art seħħew il-ġrajjiet ewlenin tas-salvazzjoni tagħna, li nsibuhom rakkontati fit-Testment il-Qadim. Fiha wkoll twieled u għex Gesù Kristu, inkitbu l-kotba tat-Testment il-Gdid u twieldet l-ewwel komunità nisranija f'jum Pentekoste.

Kien għalhekk li l-insara ta' kull żmien kellhom xewqa kbira li jżuru l-Art Imqaddsa, u l-aktar il-Postijiet Qaddisa marbutin mal-fidwa tagħna. Meta nsemmu Postijiet bħal Nazaret, Betleħem, Kafarnahum u Gerusalem, mall-ewwel niftakru fis-Santwarji li jimmarkaw il-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja ta' Gesù, tal-Verġni Marija u ta' l-appostli u l-ewwel dixxipli.

Sa mill-ewwel sekli l-insara kienu jmorru f'Pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa. L-iskop tal-Pellegrinaġġ dejjem kien dak li jiċċelebraw il-misteri tal-Fidwa fuq il-Postijiet li fihom seħħu tabilħaqq. Hekk għandna Tradizzjoni bla taqta' li hi xhieda ta' l-awtentiċità ta' dawn il-Postijiet Qaddisa jew Santwarji tal-Fidwa.

L-Art Imqaddsa għaddiet minn ħafna taqlib storiku. Wara ż-żmien apostoliku u l-ħakma Rumana, l-Art Imqaddsa, jew Palestina, għaddiet taħt il-ħakma nisranija ta' l-Imperu Biżantin. F'dan iż-żmien il-Palestina kienet kollha nisranija. Imma mal-miġja tar-reliġjon Islamika, il-Palestina għaddiet taħt il-ħakma ta' mexxejja Musulmani. Bejn l-1090 u l-1291 l-Art Imqaddsa reggħet waqgħet taħt il-ħakma nisranija tal-Kruċjati, li ġew mill-Ewropa, imma mat-tmiem tar-renju Latin ta' Ġerusalem reġgħet għaddiet f'idejn il-Musulmani u mbagħad f' idejn it-Torok Ottomani.

Kien f'dan il-perjodu li S. Franġisk t'Assisi żar l-Art Imqaddsa fl-1219, biex iġib il-paċi bejn il-Kruċjati u s-Sultan ta' l-Eġittu. Mill-1229 il-Patrijiet Franġiskani dejjem kienu preżenti fl-Art Imqaddsa, hekk li fl-1342 il-Knisja Kattolika irrikonoxxiethom bħala l-Kustodji, jew ħarriesa uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa (Ċenaklu, Qabar ta' Kristu, Betleħem). Din id-data timmarka l-bidu tal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Sallum il-Franġiskani għadhom il-Kustodji uffiċjali tas-Santwarji kollha tal-Fidwa (Nażaret, Tabor, Kafarnahum, Kana, Għajn Karem, Għemmaws, Betleħem, Ċenaklu, Ġetsemani, Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem, biex inkunu semmejna biss l-ewlenin).

Ix-xogħol tal-Franġiskani hu dak li jakkumpanjaw il-Pellegrini li jżuru l-Postijiet Qaddisa, kif ukoll li jieħdu kura pastorali tal-komunità ta' l-insara Kattoliċi li jgħixu fl-Art Imqaddsa, billi jipprovdulhom parroċċi, skejjel, postijiet tax-xogħol, u opri ta' karità. F'din il-ħidma l-Franġiskani huma megħjunin mill-insara taddinja kollha, permezz tax-xogħol li l-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa jagħmel f'kull pajjiż, inkluż Malta.

Illum il-ġurnata, l-Art Imqaddsa hi politikament magħmula mill-Istat ta' Israel u mit-Territorji Awtonomi tal-Palestina. Nafu f'liema tensjoni qed jgħixu dawn il-popli, u għalhekk il-ħidma u t-talb favur il-paċi fl-Art ta' Gesù huma mportanti ħafna, biex il-Franġiskani jkunu jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom f'isem il-Knisja.

Meta żar l-Art Imqaddsa fl-1964 il-Papa Pawlu VI kien sejħilha "il-Ħames Vanġelu". Il-Papa Ġwanni Pawlu II ukoll żar l-Art Imqaddsa fil-Ġublew tas-sena 2000 bħala Pellegrin ta' Paċi.

Għalina l-insara l-Art Imqaddsa għandha tibqa' Vanġelu ħaj, li għandna nagħmlu ħilitna li nżuruha u nitolbu fiha almenu darba f'ħajjitna.